**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2021/0385(COD)**

26.7.2022

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data tas-suq, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tape konsolidat, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għat-trażmissjoni tal-ordnijiet tal-klijenti
(COM(2021)727 – C9-0440/2021 – 2021/0385(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

## *Simboli għall-proċeduri*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjonijiet huma indikati permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti rilevanti tal-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura tal-emenda jkun fiha t-tielet linja li tidentifika l-att eżistenti u r-raba' linja li tidentifika d-dispożizzjoni f'dak l-att li l-Parlament ikun jixtieq jemenda.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

It-test ġdid huwa enfasizzat permezz tat-***tipa korsiva u grassa***. It-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌ jew huwa ingassat. Is-sostituzzjonijiet huma indikati billi t-test ġdid jiġi enfasizzat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, mhuwiex indikat it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mid-dipartimenti tal-abbozzar fit-tħejjija tat-test finali.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA TA' SPJEGAZZJONI.....102

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data tas-suq, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tape konsolidat, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għat-trażmissjoni tal-ordnijiet tal-klijenti**
**(COM(2021)727 – C9-0440/2021 – 2021/0385(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)727),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ssottomettiet il-proposta lill-Parlament (C9 0440/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tissostitwixxi l-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT |

EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data tas-suq, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tape konsolidat, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u ***l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għat-trażmissjoni*** tal-ordnijiet tal-klijenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data tas-suq, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tape konsolidat, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u ***r-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni*** tal-ordnijiet tal-klijenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar, li jiddeterminaw il-prezzijiet tagħhom b'referenza għall-prezz nofsani tas-suq primarju jew tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità. ***Billi ma hemmx ġustifikazzjoni għall-esklużjoni tal-iżgħar ordnijiet minn ktieb tal-ordnijiet trasparenti, u sabiex*** tiżdied it-trasparenza qabel in-negozjar u b'hekk jissaħħaħ il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tkun applikabbli għal ordnijiet b'daqs akbar minn jew daqs id-doppju tad-daqs standard tas-suq. Fejn it-tape konsolidat għall-ishma u l-fondi nnegozjati fil-borża (ETFs) jipprovdi prezzijiet tal-offerta li minnhom ikun jista' jiġi derivat il-punt nofsani, l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll għal sistemi li jidderivu l-prezz nofsani mit-tape konsolidat. | (6) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jkunu eżentati mir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar, li jiddeterminaw il-prezzijiet tagħhom b'referenza għall-prezz nofsani tas-suq primarju jew tal-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità. ***Sabiex*** tiżdied it-trasparenza qabel in-negozjar u b'hekk jissaħħaħ il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet, dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tkun applikabbli ***biss*** għal ordnijiet b'daqs akbar minn jew ***ugwali għal*** daqs ***li għandu jiġi ddeterminat mill-ESMA, li jenħtieġ li ma jaqbiżx*** id-doppju tad-daqs standard tas-suq***. Meta tiddefinixxi s-soll possibbli, jenħtieġ li l-ESMA tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt ta' dik il-miżura fuq i) il-kwalità tas-suq, ii) il-likwidità ġenerali fiċ-ċentri tan-negozjar tal-Unjoni, iii) l-eżiti għall-investituri finali u iv) l-attraenza domestika u internazzjonali u l-kompetittività tas-swieq*** |

***kapitali u tad-ditti tal-Unjoni***. Fejn it-tape konsolidat għall-ishma u l-fondi nnegozjati fil-borża (ETFs) jipprovdi prezzijiet tal-offerta li minnhom ikun jista' jiġi dderivat il-punt nofsani, l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll għal sistemi li jidderivu l-prezz nofsani mit-tape konsolidat.

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Dark trading huwa negozjar mingħajr trasparenza qabel in-negozjar, bl-użu tal-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u tal-eżenzjoni tan-negozju nnegozjat stabbilita fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 4(a) ta' dak ir-Regolament. L-użu taż-żewġ eżenzjonijiet huwa limitat bil-limitazzjoni doppja tal-volum ("DVC"). Id-DVC hija mekkaniżmu li jillimita l-livell ta' dark trading għal ċertu proporzjon tan-negozjar totali fi strument ta' ekwità. L-ammont ta' dark trading fi strument ta' ekwità f'ċentru individwali ma jistax jaqbeż l-4 % tan-negozjar totali f'dak l-istrument fl-Unjoni. Meta jinqabeż dan is-soll, id-dark trading f'dak l-istrument f'dak iċ-ċentru jiġi sospiż. It-tieni, l-ammont ta' dark trading fi strument ta' ekwità fl-Unjoni ma jistax jaqbeż it-8 % tan-negozjar totali f'dak l-istrument fl-Unjoni. Meta jinqabeż dan is-soll, id-dark trading kollu f'dak l-istrument jiġi sospiż. Is-soll speċifiku għaċ-ċentru jħalli lok għal użu kontinwu ta' dawk l-eżenzjonijiet fuq pjattaformi oħrajn li fuqhom in-negozjar f'dak l-istrument ta' ekwità ikun għadu ma ġiex sospiż, sakemm jinqabeż is-soll għall-Unjoni kollha. Dan jikkawża kumplessità | (7) Dark trading huwa negozjar mingħajr trasparenza qabel in-negozjar, bl-użu tal-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u tal-eżenzjoni tan-negozju nnegozjat stabbilita fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 4(a) ta' dak ir-Regolament. L-użu taż-żewġ eżenzjonijiet huwa limitat bil-limitazzjoni doppja tal-volum ("DVC"). Id-DVC hija mekkaniżmu li jillimita l-livell ta' dark trading għal ċertu proporzjon tan-negozjar totali fi strument ta' ekwità. L-ammont ta' dark trading fi strument ta' ekwità f'ċentru individwali ma jistax jaqbeż l-4 % tan-negozjar totali f'dak l-istrument fl-Unjoni. Meta jinqabeż dan is-soll, id-dark trading f'dak l-istrument f'dak iċ-ċentru jiġi sospiż. It-tieni, l-ammont ta' dark trading fi strument ta' ekwità fl-Unjoni ma jistax jaqbeż it-8 % tan-negozjar totali f'dak l-istrument fl-Unjoni. Meta jinqabeż dan is-soll, id-dark trading kollu f'dak l-istrument jiġi sospiż. Is-soll speċifiku għaċ-ċentru jħalli lok għal użu kontinwu ta' dawk l-eżenzjonijiet fuq pjattaformi oħrajn li fuqhom in-negozjar f'dak l-istrument ta' ekwità ikun għadu ma ġiex sospiż, sakemm jinqabeż is-soll għall-Unjoni kollha. Dan jikkawża kumplessità |

f'termini ta' monitoraġġ tal-livelli ta' dark trading u ta' infurzar tas-sospensjoni. ***Sabiex*** tiġi ssimplifikata l-limitazzjoni doppja tal-volum filwaqt li tinżamm l-effettività tagħha, ***il-limitazzjoni unika tal-volum il-ġdida jenħtieġ li tibbaża*** biss fuq is-soll ta' madwar l-UE kollha. Dak is-soll jenħtieġ li jitbaxxa għal 7 % sabiex jikkumpensa għal żieda potenzjali fin-negozjar skont dawk l-eżenzjonijiet bħala konsegwenza tal-eliminazzjoni tal-limitu speċifiku għaċ-ċentru.

f'termini ta' monitoraġġ tal-livelli ta' dark trading u ta' infurzar tas-sospensjoni. ***Sabiex titnaqqas il-kumplessità u biex l-Unjoni tiġi allinjata mal-prattiki internazzjonali, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' limitazzjoni jiġi sospiż għal mill-inqas ħames snin. Jenħtieġ li l-ESMA, li kieku tingħata s-setgħa li timmonitorja l-kundizzjonijiet tas-suq u, b'mod partikolari, il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet u l-likwidità disponibbli f'ċentri mdawla, tirrieżamina s-sospensjoni kull sena. Jekk is-sospensjoni tal-limitazzjoni tibdel il-bilanċ bejn il-parteċipanti fis-suq u tagħmel ħsara lill-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet, jenħtieġ li l-ESMA tipproponi li l-Kummissjoni twaqqaf is-sospensjoni u tmur lura għal mekkaniżmu ta' limitazzjoni li joqgħod biss fuq soll ta' madwar l-Unjoni kollha. Jekk dan ikun il-każ, sabiex*** tiġi ssimplifikata l-limitazzjoni doppja tal-volum filwaqt li tinżamm l-effettività tagħha, ***il-proposta tintroduċi limitazzjoni unika tal-volum ġdida li toqgħod*** biss fuq is-soll ta' madwar l-UE kollha. Dak is-soll jenħtieġ li jitbaxxa għal 7 % sabiex jikkumpensa għal żieda potenzjali fin-negozjar skont dawk l-eżenzjonijiet bħala konsegwenza tal-eliminazzjoni tal-limitu speċifiku għaċ-ċentru. ***Fi tmiem il-perjodu ta' sospensjoni ta' ħames snin, jenħtieġ li l-ESMA tippubblika rapport finali li jiddeskrivi l-impatt tas-sospensjoni fuq is-swieq tal-Unjoni, u abbażi ta' dak ir-rapport jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis jekk iġġeddidx is-sospensjoni jew tħassarx id-dispożizzjonijiet relatati mal-mekkaniżmu ta' limitazzjoni.***

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (8) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jinkludi rekwiżiti għaċ-ċentru tan-negozjar sabiex jippubblikaw informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet fi strumenti mingħajr ekwità, inklużi l-prezz u l-volum. L-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament jinkludi r-raġunijiet sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jippermettu dewmien fil-pubblikazzjoni ta' dawk id-dettalji. Hija permessa pubblikazzjoni differita ta' dawk id-dettalji fejn tranżazzjoni tkun ogħla mis-soll tad-daqs ta' skala kbira ("LIS") u tkun fi strument li għalih ma jkunx hemm suq likwidu, jew fejn dik it-tranżazzjoni tkun ogħla mid-daqs speċifiku għas-soll tal-istrument f'każ li t-tranżazzjoni tkun tinvolvi forniturи ta' likwidità. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom diskrezzjoni fid-durata tal-perjodu differit u fid-dettalji tat-tranżazzjonijiet li jistgħu jiġu ddifferiti. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal prattiki differenti fost l-Istati Membri u għal pubblikazzjonijiet ineffettivi dwar it-trasparenza wara n-negozjar. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza lejn it-tipi kollha ta' investitur, huwa meħtieġ li r-reġim ta' differiment jiġi armonizzat fil-livell tal-Unjoni Ewropea, fejn tiġi eliminata d-diskrezzjoni fil-livell nazzjonali u tiġi ffaċilitata l-konsolidazzjoni tad-data tas-suq. Għalhekk, huwa xieraq li jissaħħu r-rekwiżiti ta' trasparenza wara n-negozjar billi tiġi eliminata d-diskrezzjoni għall-awtoritajiet kompetenti. | (8) L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jinkludi rekwiżiti għaċ-ċentru tan-negozjar sabiex jippubblikaw informazzjoni relatata mat-tranżazzjonijiet fi strumenti mingħajr ekwità, inklużi l-prezz u l-volum. L-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament jinkludi r-raġunijiet sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jippermettu dewmien fil-pubblikazzjoni ta' dawk id-dettalji. Hija permessa pubblikazzjoni differita ta' dawk id-dettalji fejn tranżazzjoni tkun ogħla mis-soll tad-daqs ta' skala kbira ("LIS") u tkun fi strument li għalih ma jkunx hemm suq likwidu, jew fejn dik it-tranżazzjoni tkun ogħla mid-daqs speċifiku għas-soll tal-istrument f'każ li t-tranżazzjoni tkun tinvolvi forniturи ta' likwidità. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom diskrezzjoni fid-durata tal-perjodu differit u fid-dettalji tat-tranżazzjonijiet li jistgħu jiġu ddifferiti. Dik id-diskrezzjoni wasslet għal prattiki differenti fost l-Istati Membri u għal pubblikazzjonijiet ineffettivi dwar it-trasparenza wara n-negozjar. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza lejn it-tipi kollha ta' investitur, huwa meħtieġ li r-reġim ta' differiment jiġi armonizzat fil-livell tal-Unjoni Ewropea, fejn tiġi eliminata d-diskrezzjoni fil-livell nazzjonali u tiġi ffaċilitata l-konsolidazzjoni tad-data tas-suq. Għalhekk, huwa xieraq li jissaħħu r-rekwiżiti ta' trasparenza wara n-negozjar billi tiġi eliminata d-diskrezzjoni għall-awtoritajiet kompetenti ***nazzjonali u jiġu stipulati l-kategoriji ta' tranżazzjonijiet li għalihom ikun permess id-differiment, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-daqs tat-tranżazzjonijiet u tal-likwidità tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati***. |

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza, il-prezz ta' tranżazzjoni mingħajr ekwità jenħtieġ li jiġi ppubblikat kemm jista' jkun qrib il-ħin reali u ***għandu*** jiddewwem biss sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozjar. Madankollu, sabiex il-forniturі ta' likwidità fi strumenti mingħajr ekwità ma jiġux esposti għal riskju mhux dovut, jenħtieġ li jkun possibbli li jinħbew ***il-volumi ta'*** tranżazzjonijiet għal perjodu ta' żmien ***qasir***, li jenħtieġ li ma ***jkunx ikun itwal minn ġimagħtejn***. Il-kalibrazzjoni eżatta tad-diversi buckets li jikkorrispondu għal differimenti ta' ħin differenti jenħtieġ li titħalla f'idejn l-ESMA minħabba l-għarfien espert tekniku meħtieġ sabiex tiġi speċifikata l-kalibrazzjoni, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li tiġi permessa l-flessibbiltà sabiex tiġi emendata l-kalibrazzjoni. Dawk id-differimenti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-likwidità tal-istrument mingħajr ekwità, id-daqs tat-tranżazzjoni u***, għall-bonds, il-klassifikazzjoni tal-kreditu, u*** jenħtieġ li ma jibqgħux jinkludu d-daqs speċifiku għall-istrument ikkonċernat. | (9) Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza, il-prezz ***u l-volum*** ta' tranżazzjoni mingħajr ekwità jenħtieġ li jiġi ppubblikat kemm jista' jkun qrib il-ħin reali u ***jenħtieġ li l-prezz*** jiddewwem biss sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozjar. Madankollu, sabiex il-forniturі ta' likwidità fi strumenti mingħajr ekwità ma jiġux esposti għal riskju mhux dovut, jenħtieġ li jkun possibbli li jinħbew ***il-prezz u l-volum ta'*** tranżazzjonijiet ***kbar ħafna*** għal perjodu ta' żmien ***itwal***, li jenħtieġ li ma ***jaqbiżx erba' ġimgħat***. Il-kalibrazzjoni eżatta tad-diversi buckets li jikkorrispondu għal differimenti ta' ħin differenti jenħtieġ li titħalla f'idejn l-ESMA minħabba l-għarfien espert tekniku meħtieġ sabiex tiġi speċifikata l-kalibrazzjoni, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li tiġi permessa l-flessibbiltà sabiex tiġi emendata l-kalibrazzjoni. Dawk id-differimenti jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-likwidità tal-istrument mingħajr ekwità ***(bl-użu tad-daqs ta' ħruġ bħala sostitut)***, id-daqs tat-tranżazzjoni ***(id-daqs tan-negozju)*** u jenħtieġ li ma jibqgħux jinkludu ***la*** d-daqs speċifiku għall-istrument ikkonċernat ***u lanqas id-daqs ta' skala kbira***. ***Sabiex jiġi ssimplifikat ir-reġim ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-bonds u d-derivattivi, jenħtieġ li jitneħħa d-daqs speċifiku għall-istrument u li jitnaqqas id-daqs ta' skala kbira sabiex jibqa' soll wieħed biss f'livell adegwat.*** |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex jissaħħaħ il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet u sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi, l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jeħtieġ li l-internalizzaturi sistematiċi jippubblikaw il-kwotazzjonijiet kollha fl-istrumenti ta' ekwità mqiegħda taħt id-daqs standard tas-suq minn dak l-internalizzatur sistematiku. L-internalizzaturi sistematiċi huma liberi li jiddeċiedu liema daqsijiet jikkwotaw, dment li jikkwotaw f'daqs minimu ta' 10 % tad-daqs standard tas-suq. Madankollu, dik il-possibbiltà wasslet sabiex l-internalizzaturi sistematiċi jipprovdu livelli baxxi ħafna ta' trasparenza qabel in-negozjar fi strumenti ta' ekwità, u fixklet il-ksib ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-internalizzaturi sistematiċi jintalbu jippubblikaw kwotazzjonijiet tad-ditti relatati ma' minimu ***ta'*** darbtejn id-daqs standard tas-suq. | (11) Sabiex jissaħħaħ il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet u sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi, l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jeħtieġ li l-internalizzaturi sistematiċi jippubblikaw il-kwotazzjonijiet kollha fl-istrumenti ta' ekwità mqiegħda taħt id-daqs standard tas-suq minn dak l-internalizzatur sistematiku. L-internalizzaturi sistematiċi huma liberi li jiddeċiedu liema daqsijiet jikkwotaw, dment li jikkwotaw f'daqs minimu ta' 10 % tad-daqs standard tas-suq. Madankollu, dik il-possibbiltà wasslet sabiex l-internalizzaturi sistematiċi jipprovdu livelli baxxi ħafna ta' trasparenza qabel in-negozjar fi strumenti ta' ekwità, u fixklet il-ksib ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-internalizzaturi sistematiċi jintalbu jippubblikaw kwotazzjonijiet tad-ditti relatati ma' ***daqs*** minimu ***li jrid jiġi ddeterminat mill-ESMA. Id-daqs minimu jenħtieġ li ma jaqbiżx*** darbtejn id-daqs standard tas-suq***, u jenħtieġ li jiġi ddeterminat billi jitqiesu l-objettivi li ġejjin: i) żieda fit-trasparenza qabel in-negozjar ta' strumenti ta' ekwità għall-benefiċċju tal-investituri finali; ii) żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn iċ-ċentri tan-negozjar u l-internalizzaturi sistematiċi; iii) għoti ta' għażla adegwata ta' possibbiltajiet ta' negozjar lill-investituri finali; u iv) żgurar li x-xenarju ta' negozjar fl-Unjoni jibqa' attraenti u kompetittiv, kemm fil-livell domestiku kif ukoll internazzjonali***. |

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, minbarra l-obbligu li jippubblikaw kwotazzjonijiet tad-ditti ***relatati ma' minimu ta' darbtejn id-daqs standard tas-suq***, l-internalizzaturi sistematiċi ***lanqas ma*** jenħtieġ li ***jibqgħu jitħallew*** jaqblu fil-punt nofsani taħt ***darbtejn id-daqs standard tas-suq***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ li jitħallew jaqblu fil-punt nofsani ***sa fejn jikkonformaw mar-regoli dwar il-fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/65/UE, meta jinnegozjaw*** 'il fuq ***mid-doppju tad-daqs standard tas-suq iżda taħt is-soll kbir fuq l-iskala. Meta l-internalizzaturi sistematiċi jinnegozjaw ogħla minn soll fuq skala kbira, dawn jenħtieġ li jkomplu jitħallew jaqblu fil-punt nofsani*** mingħajr ma jikkonformaw mar-reġim ta' fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet. | (12) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, minbarra l-obbligu li jippubblikaw kwotazzjonijiet tad-ditti, l-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ ***ukoll*** li ***ma jitħallewx*** jaqblu fil-punt nofsani taħt ***daqs li jrid jiġi ddeterminat mill-ESMA u jkun allinjat mad-daqs li taħtu japplikaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel in-negozjar tal-internalizzaturi sistematiċi***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-internalizzaturi sistematiċi jenħtieġ li jitħallew jaqblu fil-punt nofsani 'il fuq ***minn dan id-daqs*** mingħajr ma jikkonformaw mar-reġim ta' fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet. ***Dan kieku jallinja lill-Unjoni mal-prattiki tas-suq prevalenti fil-livell internazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Minħabba l-kwalità differenti tad-data tas-suq, huwa diffiċli li l-parteċipanti fis-suq jqabblu dik id-data, li jwassal għal telf ta' ħafna valur miżjud fil-konsolidazzjoni tad-data. Huwa ta' importanza kbira għall-funzjonament xieraq tar-reġim ta' trasparenza stipulat fit- | (15) Minħabba l-kwalità differenti tad-data tas-suq, huwa diffiċli li l-parteċipanti fis-suq jqabblu dik id-data, li jwassal għal telf ta' ħafna valur miżjud fil-konsolidazzjoni tad-data. Huwa ta' importanza kbira għall-funzjonament xieraq tar-reġim ta' trasparenza stipulat fit- |

| | |
|---|---|
| Titoli II u III tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u għall-konsolidazzjoni tad-data mill-fornituri ta' tape konsolidat li d-data tas-suq tkun ta' kwalità għolja. Għalhekk, huwa xieraq li jkun meħtieġ li dik id-data tas-suq tikkonforma ma' standards ta' kwalità għolja f'termini kemm ta' sustanza kif ukoll ta' format. Jenħtieġ li jkun possibbli li fi żmien qasir jinbidlu s-sustanza u l-format tad-data, sabiex jiġu akkomodati prattiki tas-suq u informazzjoni intuwittiva dejjem jinbidlu. Għalhekk, ir-rekwiżiti għall-kwalità tad-data jenħtieġ li jiġu speċifikati ***mill-Kummissjoni f'Att Delegat*** u jenħtieġ li jieħdu inkunsiderazzjoni ***l-parir*** ta' grupp konsultattiv iddedikat magħmul minn esperti mill-industrija u mill-awtoritajiet pubbliċi. | Titoli II u III tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u għall-konsolidazzjoni tad-data mill-fornituri ta' tape konsolidat li d-data tas-suq tkun ta' kwalità għolja. Għalhekk, huwa xieraq li jkun meħtieġ li dik id-data tas-suq tikkonforma ma' standards ta' kwalità għolja f'termini kemm ta' sustanza kif ukoll ta' format. Jenħtieġ li jkun possibbli li fi żmien qasir jinbidlu s-sustanza u l-format tad-data, sabiex jiġu akkomodati prattiki tas-suq u informazzjoni intuwittiva dejjem jinbidlu. Għalhekk, ir-rekwiżiti għall-kwalità tad-data jenħtieġ li jiġu speċifikati ***mill-ESMA f'abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** u jenħtieġ li jieħdu inkunsiderazzjoni ***l-istandards u l-prattiki prevalenti tal-industrija, l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali maqbula fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali, kif ukoll il-parir*** ta' grupp konsultattiv iddedikat ***stabbilit mill-Kummissjoni,*** magħmul minn esperti mill-industrija u mill-awtoritajiet pubbliċi ***inkarigati biex jagħtu indikazzjonijiet limitati għall-output tat-tape konsolidat***. ***L-ESMA se tkun involuta mill-qrib fil-ħidma ta' dak il-grupp konsultattiv.*** |
| | Or. en |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jeħtieġ li l-maġġoranza tan-negozjar fl-ishma jseħħ f'ċentri tan-negozjar jew f'internalizzaturi sistematiċi ("l-obbligu ta' negozjar tal-ishma"). Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal negozjar f'ishma li ma humiex sistematiċi, ad hoc jew irregolari u mhux frekwenti. Ma huwiex ċar meta tapplika din l-eżenzjoni. | (17) L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jeħtieġ li l-maġġoranza tan-negozjar fl-ishma jseħħ f'ċentri tan-negozjar jew f'internalizzaturi sistematiċi ("l-obbligu ta' negozjar tal-ishma"). Dan ir-rekwiżit ma japplikax għal negozjar f'ishma li ma humiex sistematiċi, ad hoc jew irregolari u mhux frekwenti. Ma huwiex ċar meta tapplika din l-eżenzjoni. |

| | |
|---|---|
| Għalhekk, l-ESMA ċċarat dan billi għamlet distinzjoni bejn l-ishma abbażi tan-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) tagħhom. Skont dik id-distinzjoni, huma biss l-ishma b'ISIN taż-ŻEE li huma soġġetti għall-obbligu ta' negozjar tal-ishma. Dak l-approċċ jipprovdi ċarezza għall-parteċipanti fis-suq li jinnegozjaw f'ishma. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi inkorporata l-prattika attwali tal-ESMA fir-Regolament (UE) Nru 600/2014, filwaqt li fl-istess ħin tiġi eliminata l-eżenzjoni għan-negozjar f'ishma li ma humiex sistematiċi, ad hoc jew irregolari u mhux frekwenti. ***Sabiex il-parteċipanti fis-suq jingħataw ċertezza dwar liema strumenti jaqgħu taħt l-obbligu ta' negozjar tal-ishma, l-ESMA jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tippubblika u żżomm lista li tinkludi l-ishma kollha soġġetti għal dak l-obbligu.*** | Għalhekk, l-ESMA ċċarat dan billi għamlet distinzjoni bejn l-ishma abbażi tan-Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) tagħhom. Skont dik id-distinzjoni, huma biss l-ishma b'ISIN taż-ŻEE li huma soġġetti għall-obbligu ta' negozjar tal-ishma. Dak l-approċċ jipprovdi ċarezza għall-parteċipanti fis-suq li jinnegozjaw f'ishma. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi inkorporata l-prattika attwali tal-ESMA fir-Regolament (UE) Nru 600/2014, filwaqt li fl-istess ħin tiġi eliminata l-eżenzjoni għan-negozjar f'ishma li ma humiex sistematiċi, ad hoc jew irregolari u mhux frekwenti. |

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Ir-rapportar fis-swieq finanzjarji – b'mod partikolari r-rapportar tat-tranżazzjonijiet – diġà huwa awtomatizzat ħafna u d-data hija aktar standardizzata. Xi inkonsistenzi bejn l-oqfsa diġà ġew riżolti fir-Refit tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) u fir-Regolament dwar it-Transazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli (SFTR). Is-setgħat għall-ESMA jenħtieġ li jiġu allinjati sabiex jiġu adottati standards tekniċi u sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar fir-rapportar tat-tranżazzjonijiet bejn l-oqfsa tal-EMIR, tal-SFTR u tal-MiFIR. Dan itejjeb il-kwalità tad-data tat-tranżazzjonijiet u jevita kostijiet addizzjonali mhux meħtieġa għall- | (19) Ir-rapportar fis-swieq finanzjarji – b'mod partikolari r-rapportar tat-tranżazzjonijiet – diġà huwa awtomatizzat ħafna u d-data hija aktar standardizzata. Xi inkonsistenzi bejn l-oqfsa diġà ġew riżolti fir-Refit tar-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) u fir-Regolament dwar it-Transazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli (SFTR). Is-setgħat għall-ESMA jenħtieġ li jiġu allinjati sabiex jiġu adottati standards tekniċi u sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar fir-rapportar tat-tranżazzjonijiet bejn l-oqfsa tal-EMIR, tal-SFTR u tal-MiFIR. Dan itejjeb il-kwalità tad-data tat-tranżazzjonijiet u jevita kostijiet addizzjonali mhux meħtieġa għall- |

| | |
|---|---|
| industrija. | industrija. ***Barra minn hekk, ir-rappurtar tat-tranżazzjonijiet jenħtieġ li jippermetti skambju wiesa' bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, biex jiġu riflessi kif xieraq il-ħtiġijiet superviżorji evolventi ta' dawn tal-aħħar biex jimmonitorjaw l-iżviluppi l-aktar reċenti tas-suq u r-riskji relatati potenzjali. Pereżempju, jenħtieġ li dan jindirizza l-ħtieġa li kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tikseb stampa komprensiva tal-investiment li jkun sar minn klijenti li jgħixu, ikunu domiċiljati jew stabbiliti fil-ġurisdizzjoni tagħha, inkluż fejn dawn l-investimenti jsiru permezz ta' ditti ta' investiment awtorizzati fi Stat Membru ieħor jew strumenti finanzjarji li għalihom ma tkunx l-awtorità kompetenti tas-suq l-aktar rilevanti f'termini ta' likwidità.*** |

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Il-parteċipanti fis-suq u l-ESMA wrew li s-sistema ta' rappurtar eżistenti tista' toħloq inċertezzi dwar min jenħtieġ li jirrapporta t-tranżazzjonijiet u tista' twassal għal rappurtar doppju. Il-problema hija partikolarment akuta meta ditti ta' investiment li jinnegozjaw ma' xulxin ma jkunux jafu jekk il-kontroparti tagħhom tkunx internalizzatur sistematiku għall-istrument finanzjarju nnegozjat, u għalhekk jenħtieġ li tirrapporta t-tranżazzjonijiet skont l-arranġament ta' pubblikazzjoni approvat. Barra minn hekk, ir-rabta bejn l-obbligu ta' rappurtar u l-istatus ta' internalizzatur sistematiku wasslet għal għadd kbir iżżejjed ta' internalizzaturi sistematiċi fl-Unjoni, li joħloq distorsjoni fl-istampa tal-*** |

***parteċipanti fis-suq. Jenħtieġ li tiġi eliminata r-rabta bejn l-istatus ta' internalizzatur sistematiku u r-rekwiżiti ta' trasparenza wara n-negozjar u ta' rappurtar, fejn minflok tiġi introdotta l-possibbiltà li l-parteċipanti fis-suq jirreġistraw bħala entità relatriċi nnominata. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi reġistru tal-entitajiet relatriċi nnominati kollha, fejn tispeċifika l-identità tagħhom kif ukoll l-istrumenti jew il-klassijiet ta' strumenti li għalihom ikunu entitajiet relatriċi nnominati. Dan kieku jelimina l-inċertezza dwar min jenħtieġ li jirrapporta tranżazzjoni u jnaqqas il-piż regolatorju fuq id-ditti ta' investiment, b'mod partikolari dawk iżgħar. Dan l-approċċ kieku jkollu wkoll il-vantaġġ li jkunu biss dawk id-ditti li jikkwalifikaw jew li jiddeċiedu li jipparteċipaw bħala SI li jaġixxu bħala fornituri ta' likwidità, li jagħmel l-istruttura ġenerali tas-suq tal-ekwità aktar ċara.***

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-kompetizzjoni fost il-fornituri ta' tape konsolidat tiżgura li t-tape konsolidat jiġi pprovdut bl-aktar mod effiċjenti u bl-aħjar kundizzjonijiet għall-utenti. Madankollu, sa issa l-ebda entità ma applikat sabiex taġixxi bħala fornitur ta' tape konsolidat. Għalhekk, jitqies xieraq li l-ESMA tingħata s-setgħa li perjodikament torganizza proċedura tal-għażla kompetittiva sabiex tagħżel entità waħda li tkun tista' tipprovdi t-tape konsolidat għal kull klassi speċifikata ta' assi. ***Bit-tehid inkunsiderazzjoni tan-novità tal-iskema*** | (20) Il-kompetizzjoni fost il-fornituri ta' tape konsolidat tiżgura li t-tape konsolidat jiġi pprovdut bl-aktar mod effiċjenti u bl-aħjar kundizzjonijiet għall-utenti. Madankollu, sa issa l-ebda entità ma applikat sabiex taġixxi bħala fornitur ta' tape konsolidat. Għalhekk, jitqies xieraq li l-ESMA tingħata s-setgħa li perjodikament torganizza proċedura tal-għażla kompetittiva sabiex tagħżel entità waħda li tkun tista' tipprovdi t-tape konsolidat għal kull klassi speċifikata ta' assi. ***L-ESMA*** jenħtieġ li ***tipprijoritizza l-għażla u l-*** |

***proposta, l-ESMA*** jenħtieġ li ***tagħti mandat biss għall-forniment ta' data dwar it-trasparenza wara n-negozjar għall-ewwel proċedura*** tal-għażla ***li topera b'rabta mal-ishma. Mill-anqas 18-il xahar qabel it-tnedija tat-tieni proċedura tal-għażla***, l-ESMA jenħtieġ li ***tissottometti rapport lill-Kummissjoni li jivvaluta jekk hemmx domanda tas-suq sabiex id-data kontribwita għat-tape tiġi estiża għal data ta' qabel in-negozjar. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa permezz ta' att delegat sabiex tispeċifika aktar il-profondità tad-data*** ta' qabel in-negozjar ***għat-tape***.

***awtorizzazzjoni ta' fornitur ta' tape konsolidat għall-bonds, segwiti mill-ishma u l-ETFs, u fl-aħħar nett mid-derivattivi. Il-proċessi tal-għażla għal kull CTP jenħtieġ li jkunu mqassma f'intervalli regolari, b'kull proċess*** tal-għażla ***jibda mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jinbeda dak preċedenti. Minħabba s-similaritajiet bejn l-ishma u l-ETFs***, l-ESMA jenħtieġ li ***twettaq proċess parallel għal dawk iż-żewġ strumenti finanzjarji, fejn taċċetta proposti jew għal tape konsolidat uniku li jinkludi kemm l-ishma kif ukoll l-ETFs, jew inkella għal żewġ tapes separati. Għall-ishma biss, jenħtieġ li s-CTP jinkludi data*** ta' qabel in-negozjar ***relatata mal-aħjar offerta***. ***Jenħtieġ ukoll li l-ESMA teħtieġ li s-CTP għall-ishma jkun kapaċi jew mill-inqas ikollu l-kapaċitajiet tekniċi biex jikkonsolida u juri data ta' qabel in-negozjar relatata mal-ewwel ħames saffi ta' reġistri tal-ordnijiet.***

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Skont id-data preżentata fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal dan ir-Regolament, il-ġenerazzjoni tad-dħul mistennija għat-tape se tvarja skont il-karatteristiċi preċiżi tat-tape konsolidat. Id-dħul mistenni tas-CTP jenħtieġ li jaqbeż b'mod sinifikanti l-kost tal-produzzjoni tiegħu u għalhekk jgħin sabiex tinbena skema solida ta' parteċipazzjoni fid-dħul fejn is-CTP u l-kontributuri tad-data tas-suq jikkondividu interessi kummerċjali allinjati. Dan il-prinċipju jenħtieġ li ma jipprevjenix lis-CTPs milli jaqilgħu marġni meħtieġ sabiex | (21) Skont id-data preżentata fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal dan ir-Regolament, il-ġenerazzjoni tad-dħul mistennija għat-tape se tvarja skont il-karatteristiċi preċiżi tat-tape konsolidat. Id-dħul mistenni tas-CTP jenħtieġ li jaqbeż b'mod sinifikanti l-kost tal-produzzjoni tiegħu u għalhekk jgħin sabiex tinbena skema solida ta' parteċipazzjoni fid-dħul fejn is-CTP u l-kontributuri tad-data tas-suq jikkondividu interessi kummerċjali allinjati. Dan il-prinċipju jenħtieġ li ma jipprevjenix lis-CTPs milli jaqilgħu marġni meħtieġ sabiex |

| | |
|---|---|
| iżommu mudell ta' negozju vijabbli u milli jużaw id-data ewlenija tas-suq sabiex joffru aktar analitika jew servizzi oħrajn bil-għan li jiżdied l-akkomunament tad-dħul. | iżommu mudell ta' negozju vijabbli u milli jużaw id-data ewlenija tas-suq sabiex joffru aktar analitika jew servizzi oħrajn bil-għan li jiżdied l-akkomunament tad-dħul. ***Jenħtieġ li l-kontributur tad-data tas-suq jirċievi remunerazzjoni biss abbażi tal-ispejjeż li jkun ġarrab biex jiġġenera d-data u jipprovdiha lis-CTP. Jenħtieġ li l-investituri individwali jkollhom aċċess għat-tape konsolidat, jew bla ħlas jew inkella għal tariffa nominali annwali, u jenħtieġ li l-fornitur tat-tape jiżgura li l-informazzjoni pprovduta lill-investituri individwali tkun aċċessibbli faċilment u murija f'format faċli għall-utent u li jinftiehem.*** |
| | Or. en |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Hemm differenza oġġettiva bejn ċentru ta' ammissjoni primarja u ċentri tan-negozjar oħrajn li jservu bħala swieq tan-negozjar sekondarji. Ċentru ta' ammissjoni primarja jammetti lill-kumpaniji fis-swieq pubbliċi, u għandu rwol kruċjali fil-ħajja ta' sehem u għal-likwidità tas-sehem. Dan huwa partikolarment minnu fil-każ ta' ishma elenkati fi swieq regolati iżgħar li ġeneralment jibqgħu nnegozjati l-aktar fiċ-ċentru ta' ammissjoni primarja. ***Fejn in-negozjar trasparenti qabel in-negozjar ta' ċertu sehem iseħħ esklużivament jew b'mod predominanti fiċ-ċentru*** ta' ammissjoni primarja***, dan iċ-ċentru iżgħar ikollu rwol aktar importanti fil-formazzjoni tal-prezz għal dak is-sehem. Għalhekk, id-data ewlenija tas-suq li suq regolat iżgħar jikkontribwixxi*** għat-tape konsolidat ***għandha rwol aktar determinanti fil-formazzjoni tal-prezzijiet*** | (22) Hemm differenza oġġettiva bejn ċentru ta' ammissjoni primarja u ċentri tan-negozjar oħrajn li jservu bħala swieq tan-negozjar sekondarji. Ċentru ta' ammissjoni primarja jammetti lill-kumpaniji fis-swieq pubbliċi, u għandu rwol kruċjali fil-ħajja ta' sehem u għal-likwidità tas-sehem. Dan huwa partikolarment minnu fil-każ ta' ishma elenkati fi swieq regolati iżgħar li ġeneralment jibqgħu nnegozjati l-aktar fiċ-ċentru ta' ammissjoni primarja. ***Fi swieq regolati iżgħar, il-livell ta' konċentrazzjoni tan-negozjar fl-ishma, li għalih huma jkunu wkoll iċ-ċentru*** ta' ammissjoni primarja, ***ifisser li l-kontribut tagħhom għall-frammentazzjoni tan-negozjar fl-Unjoni huwa inqas sinifikanti bi tqabbil ma' dak ta' swieq regolati akbar. Il-volum medju ta' kuljum innegozjat tal-ishma fis-swieq regolati iżgħar huwa relattivament baxx, u spiss*** |

għall-ishma ***li dan iċ-ċentru jammetti għan-negozjar. Trattament preferenzjali fl-iskema ta' parteċipazzjoni fid-dħul għalhekk jitqies bħala xieraq*** sabiex dawn ***il-borż iżgħar*** ikunu jistgħu jżommu l-ammissjonijiet lokali tagħhom u jissalvagwardjaw ekosistema rikka u vibranti f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

***jirrappreżenta inqas minn 1 % tal-volum medju ta' kuljum innegozjat tal-Unjoni sħiħa. Fl-aħħar nett, inġenerali s-swieq regolati iżgħar huma inqas diversifikati u jiddependu aktar mid-dħul mid-data, u l-kontribuzzjoni obbligatorja*** għat-tape konsolidat għall-ishma ***tista' teliminalhom is-sors ta' introjtu l-aktar importanti għalihom. Għalhekk, minħabba l-livelli aktar baxxi ta' frammentazzjoni tas-swieq iżgħar, is-sehem relattiv tagħhom tax-xenarju ta' negozjar u t-tħassib leġittimu dwar il-vijabbiltà tan-negozju tagħhom, jenħtieġ li esklużjoni mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji għat-tape konsolidat titqies bħala xierqa*** sabiex dawn ikunu jistgħu jżommu l-ammissjonijiet lokali tagħhom u jissalvagwardjaw ekosistema rikka u vibranti f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. ***Minn perspettiva proċedurali, l-ewwel kriterju ta' esklużjoni jenħtieġ li jkun is-sehem mis-suq; jekk, f'xi punt fil-futur, is-sehem mis-suq jaqbeż is-soll stipulat f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li japplikaw kriterji ta' frammentazzjoni bħala kriterji ta' eżenzjoni alternattivi. Minkejja l-eżenzjoni għall-kontribuzzjoni obbligatorja, jenħtieġ li swieq regolati iżgħar li jixtiequ jkunu inklużi fil-perspettiva konsolidata pprovduta mis-CT jkunu jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw fl-iskema ta' kontribuzzjoni obbligatorja billi jinnotifikaw lill-ESMA dwar l-intenzjoni tagħhom.***

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***Swieq*** regolati żgħar ***huma*** swieq | (23) ***L-eżitu mixtieq ikun li l-investituri*** |

regolati ***li jammettu ishma ta' emittenti li għalihom in-negozjar fis-suq sekondarju għandu t-tendenza li jkun anqas likwidu min-negozjar tal-ishma ammessi għan-negozjar fi swieq regolati akbar. Sabiex jiġi evitat li volumi ta' negozjar (jew valuri nominali) aktar baxxi jippenalizzaw boroż iżgħar fl-iskema*** ta' parteċipazzjoni fid-dħul ***imfassla għat-tape konsolidat għall-ishma***, id-data minn negozji ***f'dawn l-ishma*** anqas likwidi jenħtieġ li tattira remunerazzjoni ogħla milli jindika l-valur kummerċjali nozzjonali tagħhom. Jekk sehem ikunx anqas likwidu jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tal-proporzjon ta' likwidità trasparenti qabel in-negozjar muri mis-suq regolat li jammetti s-sehem anqas likwidu, bi tqabbil mal-fatturat tan-negozjar medju ta' kuljum f'dak is-sehem.

***finali jingħataw stampa verament konsolidata tal-opportunitajiet ta' negozjar disponibbli fl-Unjoni u li tiżdied l-attraenza domestika u internazzjonali ġenerali tas-swieq tal-kapital tal-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, u li swieq*** regolati żgħar ***jiġu inklużi fl-istampa maħluqa mit-tape konsolidat. Irrispettivament mill-eżenzjoni mogħtija lil*** swieq regolati ***iżgħar skont dan ir-Regolament mill-kontribut obbligatorju ta' data tas-suq lit-tape konsolidat, jenħtieġ li tiġi stabbilita skema ddedikata*** ta' parteċipazzjoni fid-dħul għat-tape konsolidat ***għall-ekwitajiet, sabiex tiġi inċentivizzata l-parteċipazzjoni fakultattiva tagħhom għall-iskema ta' kontribut obbligatorju, li madankollu jenħtieġ li tibqa' volontarja. B'mod partikolari***, id-data minn negozji ***fl-ishma*** anqas likwidi ***nnegozjati fi swieq regolati iżgħar*** jenħtieġ li tattira remunerazzjoni ogħla milli jindika l-valur kummerċjali nozzjonali tagħhom. Jekk sehem ikunx anqas likwidu jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi tal-proporzjon ta' likwidità trasparenti qabel in-negozjar muri mis-suq regolat li jammetti s-sehem anqas likwidu, bi tqabbil mal-fatturat tan-negozjar medju ta' kuljum f'dak is-sehem.

Or. en

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Minħabba n-novità tat-tape konsolidat fil-kuntest tas-swieq finanzjarji tal-UE, l-ESMA jenħtieġ li tiġi fdata sabiex tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'valutazzjoni tal-iskema ta' parteċipazzjoni fid-dħul imfassla ***għal*** swieq regolati fil-kuntest tat-tape | (24) Minħabba n-novità tat-tape konsolidat fil-kuntest tas-swieq finanzjarji tal-UE, l-ESMA jenħtieġ li tiġi fdata sabiex tipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'valutazzjoni tal-iskema ta' parteċipazzjoni fid-dħul imfassla ***biex tinċentivizza lil*** swieq regolati ***iżgħar*** |

konsolidat ***għall-ishma***. Dan ir-rapport jenħtieġ li jitħejja abbażi ta' mill-anqas ***12-il*** xahar ta' tħaddim tas-CTP u sussegwentement fuq talba tal-Kummissjoni, fejn jitqies meħtieġ jew xieraq. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq jekk il-parteċipazzjoni ta' swieq regolati żgħar fid-dħul tas-CTP tkunx ġusta u effettiva ***fis-salvagwardja tar-rwol*** li dawn is-swieq għandhom fl-ekosistema finanzjarja lokali tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tirrevedi l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni permezz ta' att delegat, fejn meħtieġ jew xieraq.

***jipparteċipaw b'mod fakultattiv fil-kontribut obbligatorju ta' data tas-suq*** fil-kuntest tat-tape konsolidat ***għall-ekwitajiet***. Dan ir-rapport jenħtieġ li jitħejja abbażi ta' mill-anqas ***18-il*** xahar ta' tħaddim tas-CTP u sussegwentement fuq talba tal-Kummissjoni, fejn jitqies meħtieġ jew xieraq. Il-valutazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq jekk il-parteċipazzjoni ta' swieq regolati żgħar fid-dħul tas-CTP tkunx ġusta u effettiva ***biex tħeġġeġ lil dawk is-swieq jikkontribwixxu għat-tape konsolidat u biex tissalvagwardja r-rwol*** li dawn is-swieq għandhom fl-ekosistema finanzjarja lokali tagħhom***. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tistabbilixxi wkoll jekk l-inklużjoni ta' dawk is-swieq regolati iżgħar fit-tape konsolidat ikunx irriżulta i) f'żieda fil-volumi ta' negozjar tal-ishma f'dawk is-swieq regolati, ii) f'effett pożittiv fuq il-parteċipazzjoni tal-investituri professjonali individwali fis-suq, u iii) f'titjib tal-kundizzjonijiet ta' negozjar għall-investituri finali***. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tirrevedi l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni permezz ta' att delegat, fejn meħtieġ jew xieraq.

nOr. en

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-intermedjarji finanzjarji jenħtieġ li jagħmlu sforz sabiex jiksbu l-aħjar prezz possibbli u l-ogħla probabbiltà possibbli ta' eżekuzzjoni għan-negozji li jesegwixxu f'isem il-klijenti tagħhom. Għal dak il-għan, l-intermedjarji finanzjarji jenħtieġ li jagħżlu ċ-ċentru tan-negozjar jew il-kontroparti sabiex jesegwixxu n-negozji tal-klijenti tagħhom biss abbażi tal-ksib tal- | (32) L-intermedjarji finanzjarji jenħtieġ li jagħmlu sforz sabiex jiksbu l-aħjar prezz possibbli u l-ogħla probabbiltà possibbli ta' eżekuzzjoni għan-negozji li jesegwixxu f'isem il-klijenti tagħhom. Għal dak il-għan, l-intermedjarji finanzjarji jenħtieġ li jagħżlu ċ-ċentru tan-negozjar jew il-kontroparti sabiex jesegwixxu n-negozji tal-klijenti tagħhom biss abbażi tal-ksib tal- |

aħjar eżekuzzjoni għall-klijenti tagħhom. Li intermedjarju finanzjarju jirċievi ħlas minn kontroparti tan-negozjar sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni tan-negozji tal-klijenti jenħtieġ li jkun inkompatibbli ma' dak il-prinċipju tal-aħjar eżekuzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun ipprojbit li d-ditti ta' investiment jirċievu ħlas bħal dan.

aħjar eżekuzzjoni għall-klijenti tagħhom. Li intermedjarju finanzjarju jirċievi ħlas minn kontroparti tan-negozjar sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni tan-negozji tal-klijenti jenħtieġ li jkun inkompatibbli ma' dak il-prinċipju tal-aħjar eżekuzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jkun ipprojbit li d-ditti ta' investiment jirċievu ħlas bħal dan. ***Dik il-projbizzjoni jenħtieġ li tapplika għal strumenti nnegozjati fiċ-ċentri, speċifikament għall-ishma l-ETFs u d-derivattivi, u jenħtieġ li tikkonċerna kull tip ta' intermedjarju, kemm jekk ikun ċentru tan-negozjar, internalizzatur sistematiku jew ditta tal-OTC.***

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-emerġenza ta' fornitur ta' tape konsolidat fis-swieq għal kull klassi ta' assi u li jiġu emendati ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex titjieb it-trasparenza fis-swieq fl-istrumenti finanzjarji, iżda wkoll sabiex ikomplu jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-swieq regolati u l-internalizzaturi sistematiċi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, il-miżuri jenħtieġ li jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. Barra minn | (34) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-emerġenza ta' fornitur ta' tape konsolidat fis-swieq għal kull klassi ta' assi u li jiġu emendati ċerti aspetti tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex titjieb it-trasparenza fis-swieq fl-istrumenti finanzjarji, iżda wkoll sabiex ikomplu jissaħħu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-swieq regolati u l-internalizzaturi sistematiċi***, kif ukoll li tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tas-swieq tal-kapital tal-Unjoni***, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, il-miżuri jenħtieġ li jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l- |

| | |
|---|---|
| hekk, dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari l-libertà li jitwettaq negozju u d-dritt għall-protezzjoni tal-konsumatur, | Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari l-libertà li jitwettaq negozju u d-dritt għall-protezzjoni tal-konsumatur, |
| | Or. en |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***"(16a) "entità relatriċi nnominata" tfisser ditta ta' investiment responsabbli it-tranżazzjonijiet isiru pubbliċi permezz ta' APA, f'konformità mal-Artikoli 20(1) u 21(1);";*** |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tal-istatus il-ġdid ta' "entitajiet relatriċi nnominati" (DREs) fid-definizzjonijiet tal-MiFIR. Il-feedback mill-parteċipanti fis-suq u mill-ESMA wera li s-sistema ta' rappurtar eżistenti tal-SIs toħloq inċertezza, twassal għal rappurtar doppju u għal spejjeż ogħla, b'mod partikolari għad-ditti ta' investiment iżgħar. Il-bidliet għar-reġim tal-SI (inkluża l-introduzzjoni ta' reġistru ta' DREs mill-ESMA) ifittxu li jiddiżakkoppjaw ir-reġim tal-SIs u l-obbligi ta' rappurtar, jipprovdu ċertezza, aktar flessibbiltà, u jwasslu għal stampa aktar ċara u affidabbli tal-parteċipanti fis-suq.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ab) il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (17) 'suq likwidu' jfisser: | ***"***(17) 'suq likwidu' jfisser: |
| (a) għall-finijiet tal-Artikoli 9, 11u 18, suq għal strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji, fejn ikun hemm xerrejja u bejjiegħa lesti u lesti fuq bażi kontinwa, u fejn is-suq jiġi valutat skont il-kriterji li ġejjin, b'kont konsiderazzjoni l-istrutturi speċifiċi tas-suq tal-istrument finanzjarju partikolari jew tal-klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji: | (a) għall-finijiet tal-Artikoli 9, 11u 18, suq għal strument finanzjarju jew klassi ta' strumenti finanzjarji, fejn ikun hemm xerrejja u bejjiegħa lesti u lesti fuq bażi kontinwa, u fejn is-suq jiġi valutat skont il-kriterji li ġejjin, b'kont konsiderazzjoni l-istrutturi speċifiċi tas-suq tal-istrument finanzjarju partikolari jew tal-klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji: |
| (i) il-frekwenza medja u d-daqs ta' tranżazzjonijiet fuq firxa ta' kundizzjonijiet tas-suq, b'kont meħud tan-natura u l- ħajja tal-prodotti fil- klassi ta' strument finanzjarju; | (i) il-frekwenza medja u d-daqs ta' tranżazzjonijiet fuq firxa ta' kundizzjonijiet tas-suq, b'kont meħud tan-natura u l- ħajja tal-prodotti fil- klassi ta' strument finanzjarju; |
| (ii) in-numru u tip ta' parteċipanti tas-suq, inkluż il-proporzjon ta' parteċipanti fis-suq nnegozjati strumenti finanzjarji fi prodott partikolari; | (ii) in-numru u tip ta' parteċipanti tas-suq, inkluż il-proporzjon ta' parteċipanti fis-suq nnegozjati strumenti finanzjarji fi prodott partikolari; |
| (iii) id-daqs medju ta' spreads, fejn disponibbli; | (iii) id-daqs medju ta' spreads, fejn disponibbli; |
| | ***(iiia) id-daqs ta' ħruġ użat biex jiġi ddefinit suq likwidu għall-bonds u jista' jintuża biex jiġi ddefinit suq likwidu għal strumenti oħra mingħajr ekwità;*** |
| (b) għall-finijiet tal-Artikoli 4, 5 u 14, suq għal -istrument finanzjarju li jkun innegozjat ***kuljum u fejn is-suq ikun ivvalutat*** skont il-kriterji li ġejjin: | (b) għall-finijiet tal-Artikoli 4, 5 u 14, suq għal ***strument*** finanzjarju li jkun innegozjat skont il-kriterji li ġejjin: |
| ***(i) il-flotazzjoni libera***; | ***(i) dak li jiġi nnegozjat kuljum***; |
| | ***(ia) il-kapitalizzazzjoni tas-suq;*** |
| (ii) l-għadd medju ta' tranżazzjonijiet ta' kuljum f'dawk l-istrumenti finanzjarji; | (ii) l-għadd medju ta' tranżazzjonijiet ta' kuljum f'dawk l-istrumenti finanzjarji; |
| (iii) il-fatturat medju ta' kuljum għal dawk l-istrumenti finanzjarji; | (iii) il-fatturat medju ta' kuljum għal dawk l-istrumenti finanzjarji;***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 34a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "(34a) ***'kontributur*** tad-data ***tas-suq'*** tfisser ċentru tan-negozjar, ditta tal-investiment***, inklużi internalizzaturi sistematiċi, jew APA***;"; | "(34a) ***"kontributur*** tad-data ***tas-suq"*** tfisser ċentru tan-negozjar, ***APA u, għall-finijiet ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-ishma,*** ditta tal-investiment ***li tħaddem internalizzatur sistematiku***;"; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rwol tad-ditti ta' investiment (SIs) li jikkontribwixxu għas-CTP jenħtieġ li jkun limitat għad-data ta' qabel in-negozjar. L-APAs jissottomettu data ta' wara n-negozjar għad-ditti ta' investiment lis-CTP. Jekk id-ditti ta' investiment jitħallew jissottomettu din id-data, dan jista' jirriżulta f'rappurtar doppju u f'inkonsistenzi.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-punt (36a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (36a) ***'fornituri*** ta' servizzi ta' rapportar ta' ***dejta'*** tfisser persuna msemmija fil-punti (34) ***sa*** (36) u persuna msemmija fl-Artikolu 27b(2); | ***"fornitur*** ta' servizzi ta' rapportar ta' ***data"*** tfisser persuna msemmija fil-punti (34)***, (35) u*** (36) u persuna msemmija fl-Artikolu 27b(2);***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk ma jiġix emendat dan il-punt, l-abbozzar ikun jinkludi "kontributuri tad-data tas-suq" (34a) fid-definizzjoni tad-DRSP. Dan kieku jikkawża konfużjoni dwar jekk id-dispożizzjoni li tirreferi għad-DRSPs tapplikax ukoll għall-kontributuri tad-data tas-suq (b'mod partikolari ċ-ċentri tan-negozjar u l-SIs), filwaqt li din hija intenzjonata biss għall-ARMs, l-APAs u s-CTPs.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b – punt a – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| id-data kollha li ġejja dwar ***l-ekwitajiet***: | id-data kollha li ġejja dwar ***l-ishma u l-ETFs***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-iċċarar tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tape konsolidat billi tissaħħaħ iċ-ċarezza legali fir-rigward tal-fatt li b'ekwitajiet, għandu jiġi mifhum ishma u ETFs.*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b – punt a – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-aħjar offerti bil-volumi korrispondenti; | (i) l-aħjar offerti bil-volumi ***u l-kronogrammi*** korrispondenti***, limitati għad-data ta' qabel in-negozjar għall-ishma. Għas-sistemi ta' rkant, dak ifisser ukoll il-prezz li bih is-sistema ta' negozjar tal-irkant kieku tissodisfa l-aħjar l-algoritmu tan-negozjar u l-volum li l-parteċipanti f'dik is-sistema kieku*** |

***potenzjalment jesegwixxu b'dak il-prezz***;

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li d-data ewlenija tas-suq tkun limitata biss għall-istrumenti li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CTP fil-proposta. Billi s-CTP qabel in-negozjar ikun biss għall-ishma u mhux għall-ekwitajiet kollha, l-emenda tiċċara li d-data qabel in-negozjar hija relatati biss mal-ishma. Jekk jogħġbok osserva li dan ma jeskludix il-possibbiltà ta' fornitur uniku tas-CTP għall-ishma u l-ETFs, billi s-CTP maħtur ikun jista' sempliċiment jikkonsolida l-flussi tad-data differenti separatament.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b – punt b – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| id-data kollha li ġejja dwar ***in-nonekwitajiet***: | id-data kollha li ġejja dwar ***il-bonds u d-derivattivi***: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-emendi u l-kummenti preċedenti.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b – punt b – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) l-identifikatur standardizzat tal-istrument li japplika minn ċentru għal ieħor; | (iii) ***għall-bonds,*** l-identifikatur standardizzat tal-istrument li japplika minn ċentru għal ieħor; |

Or. en

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 36b – punt b – punt iv – inċiż 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — il-wasla tad-data tas-suq ***fil-mekkaniżmu ta' aggregazzjoni/konsolidazzjoni tal-konsolidatur***; | — il-wasla tad-data tas-suq ***mill-fornitur ta' tape konsolidat***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament tal-lingwaġġ mal-Artikolu 2(1)(36b)(a).*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt a**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | |
| ***"(a) sistemi li jqabblu ordnijiet li jkunu akbar mid-doppju tad-daqs standard tas-suq u li jkunu bbażati fuq metodoloġija ta' negozjar li biha l-prezz tal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 3(1) jiġi dderivat minn waħda minn dawn li ġejjin:*** | |
| ***(i) il-prezz ta' dawk l-istrumenti finanzjarji fiċ-ċentri tan-negozjar fejn dawk l-istrumenti finanzjarji jkunu ġew ammessi għan-negozjar għall-ewwel darba;*** | |

***(ii) il-prezz ta' dawk l-istrumenti finanzjarji fis-suq l-aktar rilevanti f'termini ta' likwidità fejn dak il-prezz jiġi ppubblikat b'mod wiesa' u jitqies mill-parteċipanti fis-suq bħala prezz ta' referenza affidabbli;***

***(iii) t-tape konsolidat reġistrat għall-ishma jew l-ETFs.";***

***(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:***

***"Għall-finijiet tal-punt (a), l-użu kontinwu ta' dik l-eżenzjoni għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5.";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni relatata mal-introduzzjoni tal-Artikolu 4(6)(f). Jitħassar it-test propost mill-COM għall-paragrafu 1 billi l-ESMA se tingħata l-mandat li tidentifika s-soll biex jintuża l-RPW.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) t-tape konsolidat reġistrat għall-ishma ***jew*** l-ETFs."; | (iii) t-tape konsolidat reġistrat għall-ishma ***u*** l-ETFs."; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tirrifletti l-possibbiltà ta' CTP wieħed għall-ishma u l-ekwitajiet.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (a) il-firxa tal-prezzijiet tal-offerti tal-bejgħ u xiri jew tal-kwotazzjonijiet mingħand ġeneraturi tas-suq magħżula, u l-intensità tal-interess tan-negozjar b'dawk il-prezzijiet, li għandhom jiġu ppubblikati għal kull klassi ta' strument finanzjarju konċernat skont l-Artikolu 3(1), filwaqt li titqies il-kalibrazzjoni meħtieġa għat-tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 3(2); | "(a) il-firxa tal-prezzijiet tal-offerti tal-bejgħ u xiri jew tal-kwotazzjonijiet mingħand ġeneraturi tas-suq magħżula, u l-intensità tal-interess tan-negozjar b'dawk il-prezzijiet, li għandhom jiġu ppubblikati għal kull klassi ta' strument finanzjarju konċernat skont l-Artikolu 3(1), filwaqt li titqies il-kalibrazzjoni meħtieġa għat-tipi differenti ta' sistemi ta' negozjar kif imsemmi fl-Artikolu 3(2)***, u d-dettalji tad-data ta' qabel in-negozjar, inklużi l-identifikaturi għal tipi differenti ta' ordnijiet jew kwotazzjonijiet***;";** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tagħti mandat ċar lill-ESMA biex tiddetermina l-informazzjoni li għandha tiġi ppubblikata għall-istrumenti finanzjarji ta' ekwità u simili għall-ekwità differenti, speċjalment meta titqies il-proposta ta' CTP qabel in-negozjar għall-ishma. F'dan ir-rigward ġew osservati prattiki tas-suq differenti, li jagħmilha diffiċli biex il-parteċipanti fis-suq iqabblu d-data ta' qabel in-negozjar.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) fil-paragrafu 6, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(ea) id-daqs minimu ta' ordni li tista' tiġi mqabbla bl-użu tal-metodoloġija ta' negozjar imsemmija fil-paragrafu 1(a), li*** |

***għandu jiġi ddeterminat bit-teħid inkunsiderazzjoni tall-prattiki internazzjonali u tal-kompetittività tad-ditti tal-Unjoni, u ma għandhiex tkun ogħla mid-doppju tad-daqs standard tas-suq.";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għoti ta' setgħa lill-ESMA biex tiddefinixxi s-soll għall-użu tal-RPW. Dan kieku jipprovdi aktar flessibbiltà mis-soll riġidu propost fil-COM ta' 2x SMS, filwaqt li jilħaq l-objettivi ewlenin tad-dispożizzjoni, jiġifieri li jżid it-trasparenza qabel in-negozjar u jirrinforza l-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet. Jenħtieġ li l-ESMA tieħu inkunsiderazzjoni, u possibbilment tesperimenta, bl-impatt potenzjali ta' din il-miżura fuq elementi bħal i) il-kwalità tas-suq, ii) il-likwidità ġenerali fiċ-ċentri tal-UE, iii) l-eżiti għall-investituri finali u iv) l-attraenza u l-kompetittività domestiċi u internazzjonali tas-swieq tal-kapital u tad-ditti tal-UE.*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt d**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien ***ħamest*** ijiem ta' xogħol minn tmiem kull xahar kalendarju, l-ESMA għandha tippubblika d-data kollha li ġejja: | Fi żmien ***sebgħat*** ijiem ta' xogħol minn tmiem kull xahar kalendarju, l-ESMA għandha tippubblika d-data kollha li ġejja: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tagħti aktar żmien lill-ESMA għall-pubblikazzjoni skont dan l-Artikolu, billi dan kieku jagħti ż-żmien meħtieġ biex is-superviżur jiċċekkja r-reġistri u jħejji l-pubblikazzjoni, u biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' pubblikazzjonijiet tardivi frekwenti jew pubblikazzjonijiet li jkunu jeħtieġu emendi.*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 5 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jitħassar il-paragrafu 6;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Eliminazzjoni tal-pubblikazzjoni tar-rapporti ta' nofs ix-xahar mill-ESMA. Is-superviżur ipprovda evidenza ta' sostenn li l-prossimità għas-sollijiet ta' 3.75 % u 7.75 % ma tiskoraġġix id-dark trading fil-perjodu sussegwenti. Għalhekk, meta jitqies li (i) il-pubblikazzjoni ta' nofs ix-xahar ma teħtiġx is-sospensjoni tad-dark trading (ii) jidher li din ma tissodisfax l-għan tagħha li twissi u potenzjalment tiskoraġġixxi ksur possibbli fil-futur u (iii) din il-pubblikazzjoni addizzjonail kull xahar tfisser li qed jintużaw riżorsi addizzjonali għal benefiċċji insinifikanti, jitħassar il-paragrafu 6.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 5 – paragrafu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"9a. Ir-restrizzjonijiet tan-negozjar skont l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(a) u fl-Artikolu 4(1)(b)(i) f'konformità mal-Artikolu 5, il-paragrafi (1) sa (6), għandhom jiġu sospiżi sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].*** |
| | ***L-ESMA għandha tingħata s-setgħa li tissorvelja l-bidliet fil-prattiki tas-suq b'riżultat ta' din is-sospensjoni, u tistabbilixxi jekk il-miżura tagħmilx ħsara mhux dovuta lill-formazzjoni tal-prezzijiet. Għal dan il-għan, l-ESMA għandha*** |
| | ***(a) toħroġ rapport annwali li jidentifika l-perċentwal ta' negozjar fi*** |

***strument finanzjarju f'ċentru tan-negozjar taħt dawk l-eżenzjonijiet;***

***(b) abbażi ta' dak ir-rapport, toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni fejn tivvaluta l-kompatibbiltà tas-sospensjoni tar-restrizzjonijiet fuq in-negozjar skont dawk l-eżenzjonijiet mal-formazzjoni tal-prezzijiet u mal-ekwilibriju tas-suq.***

***Jekk l-ESMA tindika li l-effett tas-sospensjoni ikun detrimentali għaż-żewġ elementi, tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni biex terġa' tistabbilixxi r-restrizzjonijiet fuq in-negozjar skont l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1)(a) u fl-Artikolu 4(1)(b)(i), f'konformità mal-Artikolu 5, il-paragrafi (1) sa (6).";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 8

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezzijiet attwali tad-domanda u l-offerta u l-intensità tal-interessi ta' negozjar ta' dawk il-prezzijiet li huma rreklamati permezz tas-sistemi tagħhom għall-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati negozjati f'ċentru tan-negozjar. ***Dak ir-rekwiżit għandu japplika wkoll għall-indikazzjoni azzjonabbli tal-interessi. L-operaturi*** tas- | ***"***1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-prezzijiet attwali tad-domanda u l-offerta u l-intensità tal-interessi ta' negozjar ta' dawk il-prezzijiet li huma rreklamati permezz tas-sistemi tagħhom għall-bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati negozjati f'ċentru tan-negozjar. ***Dawk l-operaturi*** tas-suq u d-ditti tal-investiment għandhom jagħmlu din l-disponibbli għall-pubbliku fuq bażi |

suq u d-ditti tal-investiment ***li joperaw ċentru tan-negozjar*** għandhom jagħmlu din l-disponibbli għall-pubbliku fuq bażi kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Dak l-obbligu tal-pubblikazzjoni ma japplikax għal ***dawn*** it-tranżazzjonijiet ta' ***derivati*** ta' kontropartijiet mhux finanzjarji li jistgħu oġġettivament jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji li huma relatati direttament mal-attività kummerċjali jew mal-attività tal-iffinanzjar tat-teżor tal-kontroparti nonfinanzjarja jew ta' dak il-grupp.

kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Dak l-obbligu tal-pubblikazzjoni ma japplikax għal ***dawk*** it-tranżazzjonijiet ta' ***derivattivi*** ta' kontropartijiet mhux finanzjarji li jistgħu oġġettivament jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji li huma relatati direttament mal-attività kummerċjali jew mal-attività tal-iffinanzjar tat-teżor tal-kontroparti nonfinanzjarja jew ta' dak il-grupp.

2. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalibrati għal ***tipi differenti ta'*** sistemi ta' ***negozjar inklużi s-sistemi tar-reġistru tal-ordnijiet, dawk immotivati mill-kwotazzjonijiet, dawk ibridi sistemi ta' nnegozjar b'irkanti*** perjodiċi ***u sistemi ta' negozjar bil-vuċi***.

2. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalibrati ***biss*** għal sistemi ta' ***reġistri tal-ordnijiet ta' limitu ċentrali u ta' rkant*** perjodiċi.

3. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, f'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu lid-ditti tal-investiment li huma obbligati jippubblikaw il-kwotazzjonijiet tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati skont l-Artikolu 18.

3. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħtu aċċess, f'termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi nondiskriminatorja, għall-arranġamenti li jużaw sabiex jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu lid-ditti tal-investiment li huma obbligati jippubblikaw il-kwotazzjonijiet tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati skont l-Artikolu 18.***";***

***4. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom, meta tingħata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 9(1)(b), jippubblikaw għall-inqas prezz indikattiv għad-domanda u prezz indikattiv għall-offerta ta' qabel in-negozjar li huma qrib il-prezz tal-interessi għan-negozjar irreklamati permezz tas-sistemi tagħhom f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom***

***jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi adegwati fuq bażi kontinwa matul is-sigħat normali ta' negozjar. Dawk l-arranġamenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni hija pprovduta fuq termini kummerċjali raġonevoli u fuq bażi mhux diskriminatorja.***

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-parteċipanti fis-suq fuq in-naħa tax-xiri u tal-bejgħ irrappurtaw b'mod konsistenti li s-sistema ta' trasparenza qabel in-negozjar għall-RFQ u s-sistemi bil-vuċi hija ta' valur miżjud negliġibbli għall-utenti finali fi swieq tad-dħul fiss. Dan ġie rikonoxxut informalment mis-superviżuri wkoll. L-eliminazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti, flimkien mal-introduzzjoni tas-CT, tneħħi piż mhux dovut fuq il-parteċipanti fis-suq mingħajr ma taffettwa l-livelli ta' trasparenza fis-suq. L-istess prinċipju japplika għall-bidliet fl-Artikolu 18. L-emenda tħassar il-paragrafu 4 ukoll, f'konformità mat-tħassir tal-SSTI fil-COM.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 5 – punt a**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) fil-paragrafu 1, ***jitħassar il-punt (b)***; | (a) fil-paragrafu 1, ***jitħassru l-punti (b) u (e)(iii)***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi eliminata b'mod konsistenti mat-tneħħija proposta tal-eżenzjoni SSTI qabel in-negozjar fil-COM.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 6**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 11

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:*** | |
| ***(i) l-ewwel subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** | |
| ***"*** | |
| ***"Abbażi tar-reġim ta' differiment kif stipulat fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li jħaddmu ċentru tan-negozjar sabiex jiddifferixxu l-pubblikazzjoni tal-prezz tat-tranżazzjonijiet sa tmiem il-jum ta' negozjar, jew sabiex jiddifferixxu l-volum ta' tranżazzjonijiet għal mhux aktar minn ġimagħtejn.";*** | |
| ***(ii) fit-tieni subparagrafu, jitħassar il-punt (c);*** | |
| ***(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | |
| ***"3. Meta jawtorizzaw pubblikazzjoni differita kif imsemmi fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' tranżazzjonijiet f'dejn sovran, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li jħaddmu ċentru tan-negozjar:*** | |
| ***(a) jippermettu l-ommissjoni tal-pubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni individwali matul perjodu estiż ta' differiment; jew*** | |
| ***(b) jippubblikaw, f'għamla aggregata, bosta tranżazzjonijiet f'dejn sovran għal perjodu ta' żmien indefinit."*** | |

***(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:***

***(i) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:***

***il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"(c) it-tranżazzjonijiet eliġibbli għad-differiment tal-prezz jew tal-volum, u t-tranżazzjonijiet li għalihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq u lid-ditti ta' investiment li joperaw ċentru tan-negozjar sabiex jipprevedu pubblikazzjoni differita tal-volum jew tal-prezz għal waħda mid-durati li ġejjin:***

***(i) 15-il minuta;***

***(ii) tmiem il-jum ta' negozjar;***

***(iii) ġimagħtejn.";***

***(ii) is-sub-paragrafu li ġej huwa miżjud wara l-ewwel sub-paragrafu:***

***"Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-ESMA għandha tispeċifika l-buckets li għalihom għandu japplika l-perjodu ta' differiment madwar l-Unjoni billi tuża l-kriterji li ġejjin:***

***(a) id-determinazzjoni tal-likwidità;***

***(b) id-daqs tat-tranżazzjoni, b'mod partikolari tranżazzjonijiet fi swieq illikwidi jew tranżazzjonijiet li huma fuq skala kbira;***

***(c) għall-bonds, il-klassifikazzjoni tal-bond bħala grad ta' investiment jew ta' rendiment għoli.";***

Or. en

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 6a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(6a) l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 11<br>Awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni differita | ***"***Artikolu 11<br>Awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni differita |
| 1. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tas-suq*** u ***lid-ditti tal-investiment*** li joperaw ċentru tan-negozjar ***biex jipprovdu pubblikazzjoni differita*** tad-dettalji ***tat-transazzjonijiet abbażi tad-daqs jew it-tip tat-transazzjoni. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-pubblikazzjoni differita fir-rigward ta'***tranżazzjonijiet ***li:*** | 1. ***L-operaturi tas-suq*** u ***d-ditti ta' investiment*** li joperaw ċentru tan-negozjar ***jistgħu jiddifferixxu l-pubblikazzjoni*** tad-dettalji ***tat-tranżazzjonijiet, inklużi l-prezz u l-volum, sa tmiem il-jum ta' negozjar. Il-pubblikazzjoni tal-volum ta'*** tranżazzjonijiet ***kbar ħafna tista' tiġi differita għal perjodu estiż li ma jaqbiżx erba' ġimgħat.*** |
| ***(a) huma ta' daqs kbir meta mqabbla mad-daqs normali tas-suq għal dak il-bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, jew għal dik il-klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat innegozjati f'ċentru tan-negozjar; jew jew*** | |
| ***(b) huma relatati ma' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat li huwa nnegozjat f'ċentru tan-negozjar, jew klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat li huwa nnegozjat f'ċentru tan-negozjar li għalih m'hemmx suq likwidu;*** | |
| ***(c) huma aktar minn daqs speċifiku għal dak il-bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, jew dik il-klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjoni jew derivat innegozjati f'ċentru tan-negozjar, li jesponi lill-fornituri tal-likwidità għal riskju żejjed u li jieħu kont ta' jekk il-parteċipanti rilevanti tas-suq humiex investituri tal-bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa.*** | |
| L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment | L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment |

li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom ***jiksbu l-approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità kompetenti tal-arranġamenti proposti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita, u għandhom*** jiddivulgaw b'mod ċar ***dawk l-arranġamenti*** lill-parteċipanti tas-suq u lill-pubbliku. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif jintużaw fil-prattika.

li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jiddivulgaw b'mod ċar ***l-arranġamenti proposti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita*** lill-parteċipanti tas-suq u lill-pubbliku. L-ESMA għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tan-negozjar differita u għandha tissottometti rapport annwali lill-Kummissjoni dwar kif jintużaw fil-prattika***.***

***L-arranġamenti għal pubblikazzjoni tan-negozjar differita għandhom jiġu organizzati bl-użu tal-ħames kategoriji li ġejjin ta' tranżazzjonijiet relatati ma' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjonijiet jew derivattiva nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, jew klassi ta' bond, prodott finanzjarju strutturat, kwota ta' emissjonijiet jew derivattiva nnegozjati f'ċentru tan-negozjar:***

***(a) kategorija 1: tranżazzjonijiet ta' daqs medju fi strument finanzjarju li għalihom ikun hemm suq likwidu;***

***(b) kategorija 2: tranżazzjonijiet ta' daqs medju fi strument finanzjarju li għalihom ma jkunx hemm suq likwidu;***

***(c) kategorija 3: tranżazzjonijiet ta' daqs kbir fi strument finanzjarju li għalihom ikun hemm suq likwidu;***

***(d) kategorija 4: tranżazzjonijiet ta' daqs kbir fi strument finanzjarju li għalihom ma jkunx hemm suq likwidu;***

***(e) kategorija 5: tranżazzjonijiet ta' daqs kbir ħafna, irrispettivament mill-istatus ta' likwidità tal-istrument finanzjarju***.

2. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' ċentru tan-negozjar wieħed jew aktar li fih jiġu nnegozjati klassi ta' bonds, prodott finanzjarju strutturat, kwoti ta' emissjoni jew derivati tista', fejn il-likwidità ta' dik il-klassi ta' strumenti finanzjarji taqa' taħt il-limitu

2. L-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' ċentru tan-negozjar wieħed jew aktar li fih jiġu nnegozjati klassi ta' bonds, prodott finanzjarju strutturat, kwoti ta' emissjoni jew derivati tista', fejn il-likwidità ta' dik il-klassi ta' strumenti finanzjarji taqa' taħt il-limitu

minimu determinat f'konformità mal-metodoloġija kif imsemmija fil-Artikolu 9(5)(a), tissospendi temporanjament l-obbligi msemmija fl-Artikolu 10. Dak il-limitu minimu għandu jiġi ddefinit abbażi ta' kriterji oġġettivi speċifiċi għas-suq għall-istrument finanzjarju kkonċernat. Tali sospensjoni temporanja għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti.

Is-sospensjoni temporanja għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti. Tali sospensjoni tista' tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni jibqgħu jkunu applikabbli. Fejn is-sospensjoni temporanja ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

Qabel ma s-sospensjoni temporanja tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 10 tiġi sospiża jew imġedda, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tagħti spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha, is-sospensjoni temporanja jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja ikunux ġustifikati f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi.

3. ***L-awtoritajiet*** kompetenti jistgħu, ***flimkien ma' awtorizzazzjoni għal pubblikazzjoni differita***:

***(a) jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta'tranżazzjoni jew dettalji ta' diversitranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew kombinazzjoni tagħhom, waqt il-perijodu tad-differiment;***

***(b) jippermettu n-nonpubblikazzjoni*** tal-volum ta' tranżazzjoni individwali waqt

minimu determinat f'konformità mal-metodoloġija kif imsemmija fil-Artikolu 9(5)(a), tissospendi temporanjament l-obbligi msemmija fl-Artikolu 10. Dak il-limitu minimu għandu jiġi ddefinit abbażi ta' kriterji oġġettivi speċifiċi għas-suq għall-istrument finanzjarju kkonċernat. Tali sospensjoni temporanja għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti.

Is-sospensjoni temporanja għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-websajt tal-awtorità kompetenti rilevanti. Tali sospensjoni tista' tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni ***temporanja*** jibqgħu jkunu applikabbli. Fejn is-sospensjoni temporanja ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.

Qabel ma s-sospensjoni temporanja tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 10 tiġi sospiża jew imġedda, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tinnotifika lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha u tagħti spjegazzjoni. L-ESMA għandha toħroġ opinjoni lill-awtorità kompetenti hekk kif ikun prattikabbli dwar jekk fil-fehma tagħha, is-sospensjoni temporanja jew it-tiġdid tas-sospensjoni temporanja ikunux ġustifikati f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi.

3. ***Fir-rigward ta' strumenti ta' dejn sovran, l-awtoritajiet*** kompetenti ***ta' strument ta' dejn sovran*** jistgħu ***jippermettu***, ***fir-rigward ta' tranżazzjonijiet f'dak l-istrument ta' dejn sovran fl-Unjoni***:

***(a) in-nonpubblikazzjoni*** tal-volum ta' tranżazzjoni individwali waqt perjodu estiż

perjodu estiż ta' differiment;

***(c) jippermettu, fir-rigward tal-istrumenti mhux tal-ekwità li mhumiex dejn sovran, il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata waqt perjodu estiż ta' differiment;***

***(d) jippermettu, fir-rigward ta' strumenti ta' dejn sovran,*** il-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu indefinit ta' żmien.

***Fir-rigward tal-istrumenti tad-dejn sovran, il-punti (b) u (d) jistgħu jintużaw jew separatament jew konsekuttivament sakemm ladarba l-perjodu estiż tan-nonpubblikazzjoni tal-volum jiskadi, il-volumi jkunu jistgħu mbagħad jiġu ppubblikati f'forma aggregata.***

***Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji l-oħrajn kollha, meta l-perjodu tad-differiment jiskadi, id-dettalji pendenti tat-tranżazzjoni u d-dettalji kollha tat-tranżazzjonijiet fuq bażi individwali għandhom ikunu ppubblikati***.

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji b'tali mod li tippermetti l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont ***l-Artikolu 64 tad-Direttiva 2014/65/UE*** biex jiġu speċifikati dawn li ġejjin:

(a) id-dettalji ta'tranżazzjonijiet li ditti tal-investiment, inkluż internalizzaturi sistematiċi, u l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 10(1), inklużi identifikaturi għat-tipi differenti ta'tranżazzjonijiet ippubblikati taħt l-Artikoli 10(1) u 21(1), li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi marbuta primarjament mal-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) il-limitu taż-żmien li jkun determinat f'konformità mal-obbligu tal-

ta' differiment;

***(b)*** il-pubblikazzjoni ***tad-dettalji*** ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata għal perjodu indefinit ta' żmien.

4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji b'tali mod li tippermetti l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont ***dan*** l-Artikolu ***kif ukoll l-Artikolu 27g*** biex jiġu speċifikati dawn li ġejjin:

(a) id-dettalji ta'tranżazzjonijiet li ditti tal-investiment, inkluż internalizzaturi sistematiċi, u l-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku għal kull klassi ta' strument finanzjarju kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 10(1), inklużi identifikaturi għat-tipi differenti ta'tranżazzjonijiet ippubblikati taħt l-Artikoli 10(1) u 21(1), li jiddistingwu bejn dawk determinati minn fatturi marbuta primarjament mal-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u dawk determinati minn fatturi oħra;

(b) il-limitu taż-żmien li jkun determinat f'konformità mal-obbligu tal-

| | |
|---|---|
| pubblikazzjoni qrib il-ħin reali kemm jista' jkun, inkluż meta n-negozjar jitwettaq barra l-ħinijiet ordinarji tan-negozju***;*** | pubblikazzjoni qrib il-ħin reali kemm jista' jkun, inkluż meta n-negozjar jitwettaq barra l-ħinijiet ordinarji tan-negozju***. L-ESMA għandha tirrieżamina dak il-limitu ta' żmien u taġġustah regolarment, f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi;*** |
| (c) ***il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti tal-investiment, inkluż internalizzaturi sistematiċi, u operaturi tas-suq u ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar, biex jipprovdu pubblikazzjoni differita tad-dettalji tat-transazzjonijiet għal kull klassi ta' strumenti finanzjarji kkonċernata f'konformità mal-paragrafu (1)*** ta' dan l-Artikolu u ***l-Artikolu 21(4)***; | (c) ***għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kategoriji msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, dak li jikkostitwixxi tranżazzjoni ta' daqs medju u kbir fl-istrument finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1*** ta' dan l-Artikolu u ***l-Artikolu 21(1)***; |
| | ***(ca) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kategoriji msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, id-daqsijiet ta' ħruġ li jikkwalifikaw strument finanzjarju bħala li jappartjeni għal suq likwidu jew mhux likwidu;*** |
| | ***(cb) id-differimenti tal-prezz u l-volum applikabbli għal kull waħda mill-ħames kategoriji stipulati fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal tranżazzjonijiet fl-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1).*** |
| | ***Biex tistabbilixxi d-differimenti tal-prezz u l-volum fil-paragrafu 4(e), l-ESMA għandha tapplika d-durati massimi li ġejjin:*** |
| | ***(i) għat-tranżazzjonijiet fil-kategorija 1: differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbżux 15-il minuta;*** |
| | ***(ii) għat-tranżazzjonijiet fil-kategorija 2: differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbżux tmiem il-jum ta' negozjar;*** |
| | ***(iii) għat-tranżazzjonijiet fil-kategorija 3: differiment tal-prezz li ma jaqbżux tmiem il-jum ta' negozjar u differiment tal-volum li ma jaqbżux*** |

| | |
|---|---|
| | ***ġimgħa wara d-data tat-tranżazzjoni;*** |
| | ***(iv) għat-tranżazzjonijiet fil-kategorija 4: differiment tal-prezz li ma jaqbiżx tmiem il-jum ta' negozjar u differiment tal-volum li ma jaqbiżx ġimagħtejn wara d-data tat-tranżazzjoni;*** |
| | ***(v) għat-tranżazzjonijiet fil-kategorija 5: differiment tal-prezz u differiment tal-volum li ma jaqbiżx erba' ġimgħat wara d-data tat-tranżazzjoni.*** |
| | ***Għal kull waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq, l-ESMA għandha terġa' tikkalibra regolarment id-durata applikabbli tad-differiment, bl-għan li gradwalment tnaqqsu fejn xieraq. Sitt xhur wara li d-durati mnaqqsa tad-differiment isiru applikabbli, l-ESMA għandha twettaq riċerka kwantitattiva u kwalitattiva biex tivvaluta l-effetti tat-tnaqqis. Fejn disponibbli, l-ESMA għandha tuża d-data ta' trasparenza wara n-negozjar ippubblikata mit-tape konsolidat għal dan il-għan. Jekk ifeġġu effetti avversi fuq l-istrumenti finanzjarji, l-ESMA għandha żżid il-perjodu ta' differiment sal-livell preċedenti;*** |
| (d) il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jkunu qed jiġu ddeterminati d-daqs u t-tip ta' tranżazzjoni li għaliha l-pubblikazzjoni ddiferita u l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta' tranżazzjoni, jew il-pubblikazzjoni ta' dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew in-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni b'riferenza partikolari l-awtorizzazzjoni għal estensjoni taż-żmien ta' differiment għal ċerti strumenti finanzjarji skont il-likwidità tagħhom, hija permessa skont il-paragrafu 3. | (d) il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jkunu qed jiġu ddeterminati d-daqs u t-tip ta' tranżazzjoni li għaliha l-pubblikazzjoni ddiferita u l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta' tranżazzjoni, jew il-pubblikazzjoni ta' dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew in-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni b'riferenza partikolari l-awtorizzazzjoni għal estensjoni taż-żmien ta' differiment għal ċerti strumenti finanzjarji skont il-likwidità tagħhom, hija permessa skont il-paragrafu 3. |
| L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sat-3 ta' Lulju 2015***. | L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sa ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***. |
| Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards | Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards |

| | |
|---|---|
| tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. | tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 6b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 13 – paragrafi 1 u 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 13<br>Obbligu sabiex id-dejta ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar tkun disponibbli fuq bażi kummerċjali raġonevoli | ***"***Artikolu 13<br>Obbligu sabiex id-dejta ta' qabel in-negozjar u wara n-negozjar tkun disponibbli fuq bażi kummerċjali raġonevoli |
| 1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni ppubblikata skont ***l-Artikoli 3, 4 u*** 6 sa 11 fuq bażi kummerċjali raġonevoli u jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni. ***Din*** l-informazzjoni ***għandha ssir*** disponibbli mingħajr ħlas ***kwarta (15-il minuta)*** wara l-pubblikazzjoni. | 1. L-operaturi tas-suq u d-ditti tal-investiment li joperaw ċentru tan-negozjar***, APAs, CTPs u internalizzaturi sistematiċi*** għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni ppubblikata skont ***l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4, l-Artikoli*** 6 sa 11***, u l-Artikoli 14, 20, 21, 27g u 27h,*** fuq bażi kummerċjali raġonevoli u jiżguraw aċċess nondiskriminatorju għall-informazzjoni. ***L-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li jħaddmu ċentru tan-negozjar, APAs u internalizzaturi sistematiċi għandhom jagħmlu din*** l-informazzjoni disponibbli mingħajr ħlas ***15-il minuta*** wara l-pubblikazzjoni. |
| 2. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jiċċaraw*** | 2. ***Il-forniment ta' data fuq bażi kummerċjali raġonevoli tfisser li l-prezz*** |

| | |
|---|---|
| ***x'jikkostittwixxi bażi kummerċjali raġonevoli sabiex l-informazzjoni ssir pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 1.*** | ***tad-data tas-suq għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża tal-produzzjoni u t-tixrid ta' din id-data, u jista' jinkludi marġni raġonevoli.*** |
| | ***2a. L-operaturi tas-suq u d-ditti ta' investiment li jħaddmu ċentru tan-negozjar, l-APAs, is-CTPs u l-internalizzaturi sistematiċi, fuq talba, għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA b'informazzjoni dwar l-ispejjeż effettivi tal-produzzjoni u t-tixrid tad-data tas-suq, inklużi l-marġnijiet.";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni waħda dwar RCB li tapplika għall-kontributuri kollha tad-data, inklużi s-CTPs (biex il-fornituri kollha tad-data jitqiegħdu f'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u biex jiġi evitat li noħolqu sors ġdid ta' spejjeż għolja għad-data). Din tispeċifika wkoll fl-ewwel livell li RCB tfisser "fuq bażi ta' spejjeż", u tagħti s-setgħa lill-ESMA biex tabbozza RTS li jkompli jispeċifika l-obbligi relatati. L-għoti ta' setgħa lill-NCAs u lill-ESMA biex jitolbu informazzjoni lill-fornitur tad-data dwar l-ispiża effettiva tad-data tas-suq mhuwiex maħsub biex jintroduċi kontroll tal-prezzijiet, iżda biex jiġi mifhum aħjar l-ipprezzar tad-data tas-suq u biex jiġi vvalutat jekk id-data tas-suq tiġix ipprovduta fuq RCB.*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 7**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 13 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex ***tispeċifika l-kontenut, il-format u t-terminoloġija tal-informazzjoni fuq bażi kummerċjali raġonevoli li ċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, is-CTPs u l-internalizzaturi sistematiċi għandhom*** | 3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex |

***jagħmlu disponibbli għall-pubbliku.***

| | |
|---|---|
| | ***(a) tispeċifika x'jikkostitwixxi bażi kummerċjali raġonevoli, kif ukoll il-kontenut, il-format u t-terminoloġija tal-informazzjoni dwar bażi kummerċjali raġonevoli li ċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, is-CTPs u l-internalizzaturi sistematiċi jridu jagħmlu disponibbli għall-pubbliku; u*** |
| | ***(b) tispeċifika l-frekwenza, id-dettalji ta' kuntatt u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA f'konformità mal-paragrafu 3.*** |
| L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [**PO jekk jogħġbok daħħal** disa' xhur wara **d-dħul** fis-seħħ]. | L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa **...** [disa' xhur wara ***d-data tad-dħul*** fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament emendatorju***]. |
| Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."; | Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."; |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni waħda dwar RCB li tapplika għall-kontributuri kollha tad-data, inklużi s-CTPs (biex il-fornituri kollha tad-data jitqiegħdu f'kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u biex jiġi evitat li noħolqu sors ġdid ta' spejjeż għolja għad-data). Din tispeċifika wkoll fl-ewwel livell li RCB tfisser "fuq bażi ta' spejjeż", u tagħti s-setgħa lill-ESMA biex tabbozza RTS li jkompli jispeċifika l-obbligi relatati. L-għoti ta' setgħa lill-NCAs u lill-ESMA biex jitolbu informazzjoni lill-fornitur tad-data dwar l-ispiża effettiva tad-data tas-suq mhuwiex maħsub biex jintroduċi kontroll tal-prezzijiet, iżda biex jiġi mifhum aħjar l-ipprezzar tad-data tas-suq u biex jiġi vvalutat jekk id-data tas-suq tiġix ipprovduta fuq RCB.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 8 – punt a**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 15, 16 u 17 għandhom japplikaw għall-internalizzaturi sistematiċi meta jinnegozjaw f'daqsijiet ***sad-doppju tad-daqs standard tas-suq.*** L-internalizzaturi sistematiċi ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu u għall-Artikoli 15, 16 u 17 meta jinnegozjaw f'daqsijiet ogħla ***mid-doppju tad-daqs standard tas-suq***. | 2. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 15, 16 u 17 għandhom japplikaw għall-internalizzaturi sistematiċi meta jinnegozjaw f'daqsijiet ***sas-soll iddeterminat mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 4(6)(ea)***. L-internalizzaturi sistematiċi ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu u għall-Artikoli 15, 16 u 17 meta jinnegozjaw f'daqsijiet ogħla ***minn dak is-soll***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għoti ta' setgħa lill-ESMA biex tiddefinixxi s-soll li, meta jinqabeż, ir-rekwiżiti tal-SI ma jibqgħux japplikaw. Dan kieku jipprovdi aktar flessibbiltà mill-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi s-soll f'livell tad-doppju tad-daqs standard tas-suq. Soll massimu ta' 2xSMS huwa ddefinit ukoll fil-Livell 1.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 8 – punt a**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 14 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-internalizzaturi*** sistematiċi ***jistgħu jikkwotaw kwalunkwe daqs. Id-daqs minimu tal-kwotazzjoni għandu jkun mill-anqas l-ekwivalenti tad-doppju tad-daqs standard tas-suq ta' sehem, ta' riċevuta depożitarja, ta' ETF, ta' ċertifikat jew ta' strument finanzjarju ieħor li jkun simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji u li jiġi nnegozjat f'ċentru tan-negozjar***. Għal sehem, riċevuta depożitarja, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju ieħor partikolari li jkun simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji li jkun innegozjat | 3. ***Id-daqs minimu tal-kwotazzjoni tal-internalizzaturi*** sistematiċi ***għandu jiġi ddeterminat mill-ESMA u għandu jkun aktar baxx mis-soll iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 4(6)(ea)***. Għal sehem, riċevuta depożitarja, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju ieħor partikolari li jkun simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji li jkun innegozjat f'ċentru tan-negozjar, kull kwotazzjoni għandha tinkludi prezz tal-offerta ta' ditta, jew inkella prezzijiet tal-offerta ta' ditti li jistgħu jkunu sa daqs ***jew daqsijiet li jaslu*** |

f'ċentru tan-negozjar, kull kwotazzjoni għandha tinkludi prezz tal-offerta ta' ditta, jew inkella prezzijiet tal-offerta ta' ditti li jistgħu jkunu sa daqs ***standard tas-suq għall-klassi ta' ishma, riċevuti depożitarji, ETFs, ċertifikati jew strumenti finanzjarji li jkunu simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji, li għalihom ikun jappartjeni l-istrument finanzjarju***. Il-prezz jew il-prezzijiet għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti għal dak is-sehem, riċevuta depożitarja, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju li jkun simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji.

***sas-soll iddeterminat mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 4(6)(ea)***. Il-prezz jew il-prezzijiet għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti għal dak is-sehem, riċevuta depożitarja, ETF, ċertifikat jew strument finanzjarju li jkun simili għal dawk l-istrumenti finanzjarji.***;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħal qabel. L-ewwel sentenza hija eliminata biex tiżdied iċ-ċarezza legali b'kuntrast mal-istabbiliment propost ta' daqs minimu tal-kwotazzjoni.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 8 – punt b**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 14 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jiddaħħal il-paragrafu 6 a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"6a. L-internalizzaturi sistematiċi ma għandhomx iqabblu l-ordnijiet fil-punt nofsani fi ħdan il-prezzijiet tal-offerta attwali.";*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-bidliet ta' hawn fuq u fl-Artikolu 17a, dan il-paragrafu ma għadux rilevanti.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 8 – punt ba (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Sabiex tiġi żgurata l-valwazzjoni effiċjenti tal-ishma, l-irċevuti depożitarji, ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u tiġi massimizzata l-possibbiltà tad-ditti tal-investiment li jiksbu l-aħjar negozju għall-klijenti tagħhom, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' kwotazzjoni vinkolanti kif imsemmi fil-paragrafu 1, ***li jiġu ddeterminat jekk il-prezzijiet jirriflettux il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq*** kif imsemmi fil-paragrafu 3, u tad-daqs standard tas-suq kif imsemmi ***fil-paragrafi 2 u 4.*** | ***"***Sabiex tiġi żgurata l-valwazzjoni effiċjenti tal-ishma, l-irċevuti depożitarji, ETFs, iċ-ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħra u tiġi massimizzata l-possibbiltà tad-ditti tal-investiment li jiksbu l-aħjar negozju għall-klijenti tagħhom, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' kwotazzjoni vinkolanti kif imsemmi fil-paragrafu 1, ***għad-determinazzjoni tad-daqsijiet minimi tal-kwotazzjonijiet*** kif imsemmi fil-paragrafu 3, u tad-daqs standard tas-suq kif imsemmi ***fil-paragrafu 4.";*** |

Or. en

*(02014R0600-20220101)*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 17a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjoni tal-fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/65/UE ma għandhiex tipprevjeni lill-internalizzaturi sistematiċi milli jqabblu ordnijiet ***fuq skala kbar*** fil-punt nofsani fi ħdan il-prezzijiet attwali tal-offerti***. It-*** | 2. L-applikazzjoni tal-fluttwazzjonijiet minimi fil-prezzijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/65/UE ma għandhiex tipprevjeni lill-internalizzaturi sistematiċi milli jqabblu ordnijiet ***fuq skala kbar*** fil-punt nofsani fi ħdan il-prezzijiet attwali tal-offerti ***għal*** |

| | |
|---|---|
| ***tqabbil tal-ordnijiet fil-punt nofsani fi ħdan l-offerta attwali u prezzijiet tal-offerta taħt skala kbira iżda*** ogħla ***mid-doppju tad-daqs standard tas-suq għandhom ikunu permessi sa fejn dawk il-fluttwazzjonijiet minimi fis-suq jiġu rrispettati***."; | ***daqsijiet*** ogħla ***mis-soll iddeterminat mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 4(6)(ea)***."; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emendi jintroduċu ċertu daqs li għandu jiġi ddefinit mill-ESMA hawn taħt li għalih ikun ipprojbit it-tqabbil fil-punt nofsani kemm għall-internalizzaturi sistematiċi kif ukoll għall-ċentri tan-negozjar. Il-bidliet jippermettu li jsir tqabbil fil-punt nofsani f'livell ogħla minn dan id-daqs ("ċertu daqs li jrid jiġi ddefinit mill-ESMA"), kemm għan-negozjar fiċ-ċentri kif ukoll barra minnhom. Jenħtieġ li dan jiżgura li l-SIs tal-UE jżommu l-kompetittività tagħhom, u li jallinja lill-UE aktar mad-dispożizzjonijiet ta' pajjiżi terzi f'dan ir-rigward.*

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 18

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) l-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 18<br>Obbligu għall-internalizzaturi sistematiċi li jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati | ***"***Artikolu 18<br>Obbligu għall-internalizzaturi sistematiċi li jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet u derivati |
| 1. Id-ditti tal-investiment għandhom jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet ***u derivati nnegozjati*** f'ċentru tan-negozjar li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi u li għalihom hemm suq likwidumeta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. Id-ditti tal-investiment għandhom jippubblikaw il-kwotazzjonijiet vinkolanti fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti tal-emissjonijiet ***innegozjati*** f'ċentru tan-negozjar ***u derivattivi suġġetti għall-obbligu tal-ikklirjar stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012,*** li għalihom huma internalizzaturi sistematiċi u li għalihom hemm suq likwidumeta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin: |

| | |
|---|---|
| (a) jintalbu kwotazzjoni minn klijent tal-internalizzatur sistematiku; | (a) jintalbu kwotazzjoni minn klijent tal-internalizzatur sistematiku; |
| (b) jaqblu li jipprovdu kwotazzjoni. | (b) jaqblu li jipprovdu kwotazzjoni. |
| ***2. Fir-rigward ta' bonds, prodotti finanzjarji strutturati, kwoti ta' emissjonijiet u derivati nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li m'hemmx suq likwidu għalihom, l-internalizzaturi sistematiċi għandhom jiddivulgaw il-kwotazzjonijiet lill-klijenti tagħhom fuq talba jekk jaqblu li jipprovdu kwotazzjoni. Dan l-obbligu jista' jitneħħa jekk il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 9(1) jiġu sodisfatti***. | |
| 3. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jaġġornaw il-kwotazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe ħin***. Huma jistgħu wkoll, f'ċerti kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq, jirtiraw il-kwotazzjonijiet tagħhom***. | 3. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jaġġornaw il-kwotazzjonijiet tagħhom fi kwalunkwe ħin. |
| 4. L-Istati Membri għandhom ***jesiġu*** li d-ditti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' ***internalizzatur sistematiku jgħarrfu*** lill-awtorità kompetenti tagħhom. Tali notifika għandha tiġi trażmessa lill-ESMA. L-ESMA għandha tistabbilixxi ***lista*** tal-internalizzaturi sistematiċi kollha fl-Unjoni. | 4. L-Istati Membri għandhom ***jeħtieġu*** li d-ditti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' ***internalizzaturi sistematiċi jinnotifikaw*** lill-awtorità kompetenti tagħhom***, fejn jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji li għalihom huma jissodisfaw id-definizzjoni ta' internalizzatur sistematiku***. Tali notifika għandha tiġi trażmessa lill-ESMA ***fi żmien jum ta' xogħol wieħed***.<br><br>L-ESMA għandha tistabbilixxi ***reġistru*** tal-internalizzaturi sistematiċi kollha fl-Unjoni***, inklużi d-dettalji tal-internalizzaturi sistematiċi fil-livell ta' strument finanzjarju individwali. Dik il-lista għandha tiġi aġġornata mill-ESMA mingħajr dewmien u fi ħdan jum ta' xogħol wieħed minn meta l-awtorità kompetenti tittrażmettilha notifika f'konformità mal-ewwel subparagrafu***. |
| ***5. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jagħmlu l-kwotazzjonijiet vinkolanti ppubblikati skont il-paragrafu 1 disponibbli lill-klijenti l-oħra tagħhom. Madankollu, huma għandhom ikunu permessi li jiddeċiedu, fuq il-bażi tal-politika kummerċjali tagħhom u f'manjiera oġġettiva u*** | |

***nondiskriminatorja, il-klijenti li lilhom jagħtu aċċess għall-kwotazzonijiet tagħhom. Għal dak il-għan, l-internalizzaturi sistematiċi għandu jkollhom standards ċari li jirregolaw l-aċċess għall-kwotazzjonijiet tagħhom. L-internalizzaturi sistematiċi jistgħu jirrifjutaw li jidħlu jew itemmu r-relazzjonijiet kummerċjali ma' investituri fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali bħall-istat tal-kreditu tal-investitur, ir-riskju tal-kontroparti u s-saldu finali tat-tranżazzjoni.***

***6. L-internalizzaturi sistematiċi għandhom jimpenjaw ruħhom li jidħlu fi tranżazzjonijiet skont il-kundizzjonijiet ippubblikati ma' kwalunkwe klijent ieħor li għalih tkun saret disponibbli l-kwotazzjoni skont il-paragrafu 5 meta d-daqs ikkwotat ikun daqs jew inqas mid-daqs speċifiku għall-istrument determinat f'konformità mal-Artikolu 9(5)(d).***

***L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligu li jippubblika kwotazzjoni vinkolanti skont il-paragrafu 1 għall-istrumenti finanzjarji li jaqgħu taħt il-limitu ta' likwidità determinat f'konformità mal-Artikolu 9(4).***

7. L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu soġġetti ***għad-dispożizzjonijiet ta'*** dan l-Artikolu meta t-transazzjonijiet tagħhom ikunu ta' daqsijiet ***akbar mid-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju determinat*** skont ***l-Artikolu 9(5)(d)***.

Rigward ordni f'pakkett u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-obbligi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-ordni f'pakkett kollha kemm hi u mhux għal xi komponent tal-ordni f'pakkett separatament.

8. Il-kwotazzjonijiet ippubblikati skont ***il-paragrafi 1 u 5 u dawk daqs jew inqas mid-daqs imsemmi fil-paragrafu 6*** għandhom isiru pubbliċi b'mod li jkun faċilment aċċessibbli għal parteċipanti oħra

7. L-internalizzaturi sistematiċi m'għandhomx ikunu soġġetti ***għal*** dan l-Artikolu meta t-transazzjonijiet tagħhom ikunu ta' daqsijiet ***ta' skala kbira bi tqabbil mad-daqs normali tas-suq u kif iddeterminat*** skont ***l-Artikolu 9(5)(c)***.

Rigward ordni f'pakkett u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-obbligi f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-ordni f'pakkett kollha kemm hi u mhux għal xi komponent tal-ordni f'pakkett separatament.

8**.** Il-kwotazzjonijiet ippubblikati skont ***il-paragrafu 1*** għandhom isiru pubbliċi b'mod li jkun faċilment aċċessibbli għal parteċipanti oħra tas-suq fuq bażi

| | |
|---|---|
| tas-suq fuq bażi kummerċjali raġonevoli. | kummerċjali raġonevoli. |
| 9. Il-prezz jew il-prezzijiet ikkwotati għandhom ikunu b'tali mod li jiżguraw li l-internalizzatur sistematiku jikkonforma mal-obbligi tiegħu tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn ikun il-każ, u għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq rigward il-prezzijiet li fihom jiġu konklużi t-transazzjonijiet għall-istess strumenti finanzjarji f'ċentru tan-negozjar. | 9**.** Il-prezz jew il-prezzijiet ikkwotati għandhom ikunu b'tali mod li jiżguraw li l-internalizzatur sistematiku jikkonforma mal-obbligi tiegħu tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, fejn ikun il-każ, u għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq rigward il-prezzijiet li fihom jiġu konklużi t-transazzjonijiet għall-istess strumenti finanzjarji f'ċentru tan-negozjar. |
| Madanakollu, f'każijiet ġustifikati, huma jistgħu jeżegwixxu ordnijiet bi prezz aħjar dment li dan il-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq. | Madanakollu, f'każijiet ġustifikati, huma jistgħu jeżegwixxu ordnijiet bi prezz aħjar dment li dan il-prezz jaqa' f'firxa pubblika qrib il-kundizzjonijiet tas-suq.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 19 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 2***. |
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 li jispeċifikaw id-daqsijiet imsemmija fl-Artikolu 18(8) li fihom ditta għandha tidħol fit-transazzjonijiet ma' kwalunkwe klijent ieħor li għalih tkun disponibbli l-kwotazzjoni. Id-daqs speċifiku għall-istrument finanzjarju għandu jiġi determinat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(6)(d).*** | |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Imħassar f'konformità mal-bidliet fl-Artikolu 18.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid) u punt c tal-paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9c) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"2a. Kull tranżazzjoni individwali għandha tiġi ppubblikata darba permezz ta' APA uniku;';*** |
| | ***(b) fil-paragrafu 3, jithassar il-punt (c);*** |
| ***(c) il-parti fi tranżazzjoni li trid tagħmel it-tranżazzjoni pubblika skont il-paragrafu 1 jekk iż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni jkunu ditti tal-investiment.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*(a) Jenħtieġ li tranżazzjoni tiġi ppubblikata biss permezz ta' APA wieħed għall-istrumenti ta' ekwità wkoll. Attwalment, minkejja li hemm sistema kumplessa fil-Livell 2 biex jiġi evitat rappurtar doppju potenzjali, għad hemm xi problemi fl-applikazzjoni, u l-aktar soluzzjoni ċara hija li dan jiġi ċċarat fil-Livell 1. Dan il-paragrafu addizzjonali kieku jiżgura li l-informazzjoni wara n-negozjar issir darba biss permezz ta' APA wieħed, anke f'każ ta' strumenti finanzjarji ta' ekwità/simili għall-ekwità.*

*(b) Telimina s-setgħat tal-ESMA li tispeċifika l-ġerarkija ta' rappurtar, billi din issa hija inkluża fl-Artikolu dwar Entità Relatriċi Nnominata.*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9e (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 21

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9e) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Ditti tal-investiment li, jew f'isimhom jew f'isem il-klijenti, ***jikkonkludutranżazzjonijiet*** f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati***,*** kwoti tal-emissjonijiet ***u derivati nnegozjati*** f'ċentru tan-negozjar, għandhom jagħmlu pubbliku l-volum u l-prezz ta' dawk it-transazzjonijiet u l-ħin meta ġew konklużi. Dik l-informazzjoni għandha ssir pubblika permezz ta' APA. | ***"***1. Ditti tal-investiment li, jew f'isimhom jew f'isem il-klijenti, ***jikkonkludu tranżazzjonijiet*** f'bonds, prodotti finanzjarji strutturati ***u*** kwoti tal-emissjonijiet ***innegozjati*** f'ċentru tan-negozjar, ***jew derivattivi li jkunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklirjar stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012,*** għandhom jagħmlu pubbliku l-volum u l-prezz ta' dawk it-transazzjonijiet u l-ħin meta ġew konklużi. Dik l-informazzjoni għandha ssir pubblika permezz ta' APA.***";*** |
| | ***(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jawtorizzaw lid-ditti*** tal-investiment ***jippruvdu*** pubblikazzjoni differita***, jew jistgħu jitolbu l-pubblikazzjoni ta' dettalji limitati ta' tranżazzjoni jew dettalji ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata, jew kombinazzjoni tagħhom, waqt il-perijodu tad-differiment jew jistgħu jippermettu n-nonpubblikazzjoni tal-volum ta' tranżazzjoni individwali waqt perjodu estiż ta' differiment; jew fil-każ ta' strumenti finanzjarji mhux ta' ekwità li mhumiex dejn sovran, jistgħu jippermettu l-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet f'forma aggregata waqt perjodu estiż ta' differiment, jew fil-każ ta' strumenti tad-dejn sovran jistgħu jippermettu l-pubblikazzjoni ta' diversi tranżazzjonijiet*** | ***"***4. ***Id-ditti*** tal-investiment ***jistgħu jipprevedu*** pubblikazzjoni differita ***tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu*** u jistgħu temporanjament jissospendu l-obbligi msemmija ***f'dak il-paragrafu*** fuq l-istess kundizzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 11.***";*** |

| | |
|---|---|
| ***f'forma aggregata għal perjodu indefinit ta' żmien,*** u jistgħu temporanjament jissospendu l-obbligi msemmija ***fil-paragrafu 1*** fuq l-istess kundizzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 11. | |
| | ***(c) il-parti introduttorja tal-paragrafu 5 hija sostitwita b'dan li ġej:*** |
| L-ESMA għandha ***tissottometti dak l-abbozz*** ta' standards tekniċi regolatorji ***lill-Kummissjoni sat-3 ta' Lulju 2015.*** | ***"5.*** L-ESMA għandha ***tiżviluppa abbozz*** ta' standards tekniċi regolatorji ***b'tali mod li jippermetti l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 27h ta' dan ir-Regolament biex jiġi speċifikat dan li ġej:";*** |
| (c) il-parti fi tranżazzjoni li trid tagħmel it-tranżazzjoni pubblika skont il-paragrafu 1 jekk iż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni jkunu ditti tal-investiment. | ***(d) fil-paragrafu 5, jitħassar il-punt (c)";*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tintroduċi derivattivi suġġetti għall-obbligi tal-ikklirjar fil-kamp ta' applikazzjoni tat-trasparenza tal-OTC u telimina t-ToTV għad-derivattivi. Tqassar ukoll il-paragrafu 4 biex jittieħdu inkunsiderazzjoni differimenti ġodda kif ukoll it-tneħħija tat-ToTV għad-differimenti.*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9f (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 21a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9f) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 21a*** |
| | ***Entità relatriċi nnominata*** |
| | ***1. Fejn parti waħda biss fi tranżazzjoni tkun entità relatriċi nnominata f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, din għandha tkun responsabbli biex tiddivulga t-tranżazzjonijiet permezz ta' APA f'konformità mal-Artikolu 20(1) jew mal-*** |

***Artikolu 21(1).***

***2. Fejn l-ebda waħda mill-partijiet fi tranżazzjoni, jew iż-żewġ partijiet fi tranżazzjoni jkunu entitajiet relatriċi nnominati f'konformità mal-paragrafu 3, hija biss l-entità li tbigħ l-istrument finanzjarju kkonċernat li għandha tippubblika t-tranżazzjoni permezz ta' APA.***

***3. Fuq talba lill-ESMA, id-ditti ta' investiment għandhom jiksbu l-istatus ta' entità relatriċi nnominata għal strumenti finanzjarji jew klassijiet ta' strumenti finanzjarji speċifikati. L-internalizzaturi sistematiċi kollha huma nnominati awtomatikament bħala entitajiet relatriċi għall-istrumenti finanzjarji jew il-klassijiet ta' strumenti finanzjarji li għalihom ikunu internalizzatur sistematiku.***

***4. L-ESMA għandha tistabbilixxi reġistru tal-entitajiet relatriċi nnominati kollha, fejn tispeċifika l-identità tal-entitajiet relatriċi nnominati, inklużi l-internalizzaturi sistematiċi, kif ukoll l-istrumenti jew il-klassijiet ta' strumenti li għalihom ikunu entitajiet relatriċi nnominati.";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tintroduċi sistema ta' entitajiet relatriċi nnominati, bħala parti mid-diżakkoppjament tal-istatus ta' SI mill-obbligu ta' rappurtar. Din il-bidla hija appoġġata bil-qawwa mill-biċċa l-kbira mill-parteċipanti fis-suq, u hija mistennija tnaqqas il-piż fuq ditti ta' investiment iżgħar, tipprovdi aktar ċarezza għall-parteċipanti fis-suq dwar min se jkun qed jirrapporta n-negozji, ittejjeb ir-rappurtar tat-tranżazzjoni u tnaqqas l-għadd ta' SIs fl-Unjoni (li jwassal għal stampa aktar realistika tas-swieq).*

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 9g (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9g) fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 22, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*** |
| Sabiex iwettqu l-kalkoli bil-għan li jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel u wara n-negozjar u r-reġimi tal-obbligu ta' negozjar imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11, fl-Artikoli 14 sa 21 u fl-Artikolu 32, li huma applikabbli għall-istrumenti finanzjarji, kif ukoll bil-għan li jiġi ddeterminat jekk ditta ta' investiment hijiex internalizzatur sistematiku, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni mingħand: | ***"***Sabiex iwettqu l-kalkoli bil-għan li jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza qabel u wara n-negozjar u r-reġimi tal-obbligu ta' negozjar imsemmija fl-Artikoli 3 sa 11, fl-Artikoli 14 sa 21 u fl-Artikolu 32, li huma applikabbli għall-istrumenti finanzjarji, kif ukoll bil-għan li jiġi ddeterminat jekk ditta ta' investiment hijiex internalizzatur sistematiku, ***kif ukoll biex iħejju rapporti annwali għall-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4(4), l-Artikolu 9(2), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 11(1),*** l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu informazzjoni mingħand:***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-addizzjoni kieku tippermetti lill-ESMA tiġbor data abbażi ta' kull eżenzjoni u kull differiment, kemm għall-ekwità kif ukoll għan-nonekwità. Bħalissa, l-ESMA tinsab f'pożizzjoni biex tiġbor biss informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet għall-ekwità, għajr l-OMF, abbażi tal-kalkoli għall-parametru tal-fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet u tat-talba biex isiru dawn il-kalkoli. Il-ġbir ta' data b'mod aktar granulu kieku jippermetti lill-ESMA tipprovdi rapporti aktar preċiżi, timmonitorja aħjar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u d-differimenti, u tinforma aħjar id-deċiżjonijiet ta' politika.*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Fir-rigward ta' ishma, ETFs u bonds li jiġu nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, u | 1. Fir-rigward ta' ishma, ETFs u bonds li jiġu nnegozjati f'ċentru tan-negozjar, u |

| | |
|---|---|
| fir-rigward ta' derivattivi OTC kif definiti fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 648/2012 li huma suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu lis-CTP bid-data kollha tas-suq kif stipulat fl-Artikolu 22b(2) kif meħtieġ sabiex is-CTP ikun operazzjonali. Dik id-data tas-suq għandha tiġi pprovduta f'format armonizzat, permezz ta' protokoll ta' trażmissjoni ta' kwalità għolja, u qrib kemm jista' jkun teknikament possibbli tal-ħin reali. | fir-rigward ta' derivattivi OTC kif definiti fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Nru 648/2012 li huma suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu lis-CTP bid-data kollha tas-suq ***u regolatorja*** kif stipulat fl-Artikolu 22b(2) kif meħtieġ sabiex is-CTP ikun operazzjonali. Dik id-data tas-suq għandha tiġi pprovduta f'format armonizzat, permezz ta' protokoll ta' trażmissjoni ta' kwalità għolja, u qrib kemm jista' jkun teknikament possibbli tal-ħin reali. |

Or. en

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Swieq regolati li l-volum medju ta' kuljum innegozjat ta' ishma tagħhom jirrappreżenta inqas minn 1 % tal-volum medju ta' kuljum innegozjat tal-Unjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu data tas-suq lis-CTP;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tintroduċi mekkaniżmu ta' esklużjoni għas-swieq regolati iżgħar. Il-paragrafu 2 jintroduċi soll fl-ewwel livell relatat mas-sehem mis-suq.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Swieq regolati li l-volum medju ta' kuljum innegozjat ta' ishma tagħhom jaqbeż 1 % tal-volum medju nnegozjat tal-Unjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jipprovdu data tas-suq lis-CTP jekk:*** |
| | ***(i) is-suq regolat jirrappreżenta aktar minn 70 % tal-volum medju ta' kuljum innegozjat ta' ishma li jkun ġew ammessi għan-negozjar għall-ewwel darba f'dak is-suq regolat; jew*** |
| | ***(ii) il-volum medju ta' kuljum innegozjat ta' ishma li jkunu ġew ammessi għall-ewwel darba f'suq regolat f'MTFs u internalizzaturi sistematiċi jkun 20 % jew inqas mill-volum medju ta' kuljum innegozjat ta' dawk l-ishma.*** |
| | ***Fuq is-sit web tagħha, l-ESMA għandha tippubblika lista ta' swieq regolati eżentati milli jipprovdu data tas-suq lis-CTP u għandha taġġorna dik il-lista regolarment.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tintroduċi mekkaniżmu ta' esklużjoni għas-swieq regolati iżgħar. Jekk is-sehem mis-suq jaqbeż 1 % (l-ewwel soll tal-paragrafu 2) iżda l-iskambju jkompli jippreżenta livelli baxxi ta' frammentazzjoni hekk kif l-ishma ammessi għaċ-ċentru fil-biċċa l-kbira jiġu nnegozjati f'dak iċ-ċentru wkoll, allura jiddaħħal soll fit-tieni livell. Jekk jogħġbok osserva li ż-żewġ kriterji ta' frammentazzjoni japplikaw b'mod alternattiv u mhux kumulattiv (b'jekk jiġu mmassimizzati l-possibbiltajiet għal eżenzjoni). Jekk jogħġbok irreferi għan-nota ta' spjegazzjoni għal aktar dettalji dwar ir-raġunament u l-għanijiet ta' din l-eżenzjoni.*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Minkejja l-paragrafi 2 u 2a, swieq regolati iżgħar jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu data tas-suq lis-CTP, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, billi jinnotifikaw lill-ESMA. Jenħtieġ li dawk is-swieq regolati li jiddeċiedu li jissottomettu lilhom infushom għar-rekwiżit li jipprovdu data tas-suq, f'konformità mal-paragrafu 1, jibdew jipprovdu data tas-suq lis-CTP fi żmien 30 jum ta' xogħol mid-data tan-notifika lill-ESMA.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minkejja l-possibbiltà għal eżenzjoni, it-tape konsolidat jista' jirrappreżenta mod vijabbli biex swieq regolati iżgħar isaħħu l-viżibbiltà tagħhom lil investituri "barranin" - kemm fl-Unjoni kif ukoll lil hinn minnha - u jżidu s-sehem mis-suq tagħhom. Dan ikun koerenti mal-għanijiet tas-CMU, u jżid id-daqs u l-attraenza tas-swieq tal-kapital tal-UE inġenerali. Għal din ir-raġuni, qed tiddaħħal inklużjoni fakultattiva għal dawk is-swieq regolati iżgħar li b'mod volontarju jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskema ta' kontribut obbligatorju.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 li jiġu konklużi mid-ditti ta' investiment barra minn ċentru tan-negozjar, il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu lis-CTP b'data tas-suq dwar dawk it-tranżazzjonijiet, jew direttament jew inkella permezz ta' APA. | 3. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 li jiġu konklużi mid-ditti ta' investiment barra minn ċentru tan-negozjar, il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu lis-CTP b'data tas-suq dwar dawk it-tranżazzjonijiet ***permezz ta' APA. Fir-rigward tal-aħjar offerti fl-ishma pprovduti mid-ditti ta' investiment barra minn ċentru tan-negozjar, il-forniturі ta' data tas-suq għandhom jipprovdu lis-CTP*** |

***b'data tas-suq rigward dawk l-offerti***, jew direttament jew inkella permezz ta' APA.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li tranżazzjonijiet lis-CTP jiġu rrappurtati minn APA biss, biex jiġi evitat rappurtar doppju. Madankollu, id-data ta' qabel in-negozjar tista' tiġi kkomunikata wkoll mid-ditti ta' investiment direttament.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-kontributuri tad-data tas-suq ma għandhomx jirċievu remunerazzjoni għad-data tas-suq ipprovduta għajr il-kondiviżjoni tad-dħul kif imsemmi ***fil-punt (c) tal-Artikolu 27da(2)***. | 4. Il-kontributuri tad-data tas-suq ma għandhomx jirċievu remunerazzjoni għad-data tas-suq ipprovduta għajr il-kondiviżjoni tad-dħul kif imsemmi ***fl-Artikolu 27h(1)***. |

Or. en

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu l-informazzjoni ***fir-rigward tal-eżenzjonijiet u*** d-differimenti kif stabbilit ***fl-Artikoli 4, 7, 11, 14***, 20 u 21. | 5. Il-kontributuri tad-data tas-suq għandhom jipprovdu l-informazzjoni ***li tirrispetta*** d-differimenti kif stabbilit ***fl-Artikoli 7, 11***, 20 u 21. |

Or. en

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp tal-partijiet ikkonċernati esperti sa [PO żid 3 xhur mid-dħul fis-seħħ] sabiex jipprovdi pariri dwar il-kwalità u s-sustanza tad-data tas-suq, ***l-interpretazzjoni komuni tad-data tas-suq*** u l-kwalità tal-protokoll ta' trażmissjoni msemmi fl-Artikolu 22a(1). Il-grupp tal-partijiet ikkonċernati esperti għandu jipprovdi parir fuq bażi annwali. Dak il-parir għandu jiġi ppubblikat. | 1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp tal-partijiet ikkonċernati esperti sa [PO żid 3 xhur mid-dħul fis-seħħ] sabiex jipprovdi pariri dwar il-kwalità u s-sustanza tad-data ***ewlenija*** tas-suq ***b'rabta mal-output tat-tapes konsolidati***, u l-kwalità tal-protokoll ta' trażmissjoni msemmi fl-Artikolu 22a(1). Il-grupp tal-partijiet ikkonċernati esperti għandu jipprovdi parir fuq bażi annwali ***permezz ta' rapport iddedikat***. Dak il-parir għandu jiġi ppubblikat. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Limitazzjoni tal-ambitu tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar id-data tas-suq, li jenħtieġ li jipprovdi biss parir dwar l-output tat-tape konsolidat sabiex jiżgura li s-CT jkun effettiv u li jiġi mmassimizzat il-valur tiegħu għall-parteċipanti fis-suq tal-UE. Jenħtieġ li l-grupp ta' esperti ma jkunux qed jipprovdi parir dwar l-interpretazzjoni tad-data tas-suq jew l-istandards tad-data tas-suq lil hinn mill-ambitu tal-output tas-CT, li jenħtieġ li jitħalla f'idejn l-ESMA.*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22b (ġdid) – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-Kummissjoni*** għandha ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50*** sabiex tispeċifika l-kwalità u s-sustanza tad-data tas-suq u l-kwalità tal-protokoll ta' | 2. ***L-ESMA*** għandha ***tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** sabiex tispeċifika l-kwalità u s-sustanza tad-data ***ewlenija*** tas-suq u l-kwalità tal-protokoll ta' trażmissjoni. |

trażmissjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħeġġeġ lill-ESMA tadotta RTS fir-rigward tal-input u l-output tas-CT. Jenħtieġ li l-ESMA tibqa' responsabbli għall-istabbiliment ta' standards tad-data, sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet u prattiki konfliġġenti u biex jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet għall-parteċipanti fis-suq ikunu ċari u koerenti. Billi s-CT huwa primarjament għodda għall-parteċipanti fis-suq, jenħtieġ li l-objettiv tal-RTS ikun li jiġi mminimizzat it-tfixkil fis-suq, u li jiġi żgurat li s-sustanza u l-format tad-data tas-suq għas-CTP ikunu utilizzabbli fil-pront, kif ukoll li l-output tas-CT ikun jinftiehem mill-parteċipanti kollha fis-suq.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22b (ġdid) – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'mod partikolari, ***dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw*** dan kollu li ġej: | B'mod partikolari, ***dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandu jispeċifika*** dan kollu li ġej: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda preċedenti.*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22b (ġdid) – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-data tas-suq li l-kontributuri jridu jipprovdu lis-CTP sabiex jipproduċu d-data ewlenija tas-suq meħtieġa sabiex is-CTP jkun operazzjonali, inklużi s-sustanza u l- | (a) id-data tas-suq li l-kontributuri jridu jipprovdu lis-CTP sabiex jipproduċu d-data ewlenija tas-suq meħtieġa sabiex is-CTP jkun operazzjonali, inklużi s-sustanza u l- |

| | |
|---|---|
| format ta' dik id-data tas-suq***;*** | format ta' dik id-data tas-suq***, f'konformità mal-istandards u l-prattiki prevalenti tal-industrija*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda preċedenti.*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 10**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 22b (ġdid) – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, ***il-Kummissjoni*** għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-parir mill-ESMA u mill-grupp ta' esperti tekniċi stabbilit f'konformità ***mal-paragrafu 2***, ***mal-iżviluppi*** internazzjonali u ***mal-istandards*** miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali. ***Il-Kummissjoni*** għandha tiżgura li ***l-atti delegati adottati jieħdu inkunsiderazzjoni*** r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikoli 3, 6, ***8, 10, 14, 18,*** 20, 21 u 27g. | Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, ***l-ESMA*** għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-parir mill-grupp ta' esperti tekniċi stabbilit f'konformità ***mal-paragrafu 1***, ***u għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi*** internazzjonali u ***l-istandards*** miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali. ***L-ESMA*** għandha tiżgura li ***l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji adottat jieħu inkunsiderazzjoni*** r-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikoli 3, 6, ***10, 14,*** 20, 21***, 22, 26, 27*** u 27g.<br>***Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda preċedenti.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-ESMA għandha tippubblika lista fuq is-sit web tagħha li tinkludi l-ishma b'ISIN taż-ŻEE soġġetti għall-obbligu ta' negozjar tal-ishma, u għandha taġġorna dik il-lista regolarment.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' ISIN biex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni tal-STO jinftiehem waħdu, billi l-ewwel ittri tal-ISIN huma biżżejjed biex jiġu identifikati l-ISINs taż-ŻEE. Għalhekk, dan ma għandux għalfejn jiġi speċifikat ulterjurment f'lista, li prinċipalment kieku joħloq xogħol amministrattiv u sforzi addizzjonali għall-ESMA u għall-parteċipanti fis-suq li jkollhom jiċċekkjaw il-lista u jintegrawha fis-sistema ta' negozjar tagħhom qabel jinnegozjaw.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 25 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) fl-Artikolu 25, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal tal-inqas ħames snin, id-dejta relevanti relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li huma reklamati permezz tas-sistemi tagħhom. Ir-rekords għandu jkun fihom id-dejta kollha rilevanti li tikkostittiwixxi l-karatteristiċi tal-ordni, inklużi dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjoni jew tranżazzjonijiet imwettqa li joħorġu minn | ***"***2. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal tal-inqas ħames snin, id-dejta relevanti relatata mal-ordnijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li huma reklamati permezz tas-sistemi tagħhom ***f'format elettroniku u li jinqara mill-magni bl-użu ta' mudell komuni, f'konformità mal-metodoloġija ISO 20022***. Ir-rekords għandu jkun fihom id-dejta kollha rilevanti li tikkostittiwixxi l- |

| | |
|---|---|
| dik l-ordni u li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu rrappurtatai skont l-Artikolu 26(1) u (3). L-ESMA għandu jkollha rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. | karatteristiċi tal-ordni, inklużi dawk li jorbtu ordni mat-tranżazzjoni jew tranżazzjonijiet imwettqa li joħorġu minn dik l-ordni u li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu rrappurtatai skont l-Artikolu 26(1) u (3). L-ESMA għandu jkollha rwol ta' faċilitazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-istandardizzazzjoni tad-data dwar l-ordnijiet kieku tkun ta' benefiċċju għall-NCAs, li jkunu jistgħu (a) janalizzaw aktar faċilment id-data dwar l-ordnijiet mitluba minn kwalunkwe ċentru tan-negozjar fl-UE, li b'hekk jikkontribwixxi għal sorveljanza aktar effettiva tas-swieq; (b) jippermettu liċ-ċentri tan-negozjar jużaw l-istess sistema ta' reġistrazzjoni u rappurtar ma' kwalunkwe NCA fl-UE, li jevita spejjeż marbuta mal-konformità ma' standards nazzjonali diverġenti, u (c) jallinjaw l-istandardizzazzjoni tad-data dwar ir-reġistri tal-ordnijiet ma' dik tad-data dwar it-tranżazzjonijiet, li b'hekk jiżgura trattament aktar konsistenti taż-żewġ kategoriji.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 25 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 25, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. L-ESMA għandha tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina d-dettalji tad-dejta dwar l-ordni rilevanti li jeħtieġ li tinżamm skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li mhux imsemmija fl-Artikolu 26. | ***"***3. L-ESMA għandha tfassal abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina d-dettalji ***u l-formats***tad-dejta dwar l-ordni rilevanti li jeħtieġ li tinżamm skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li mhux imsemmija fl-Artikolu 26.***"*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħall-emenda preċedenti.*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11c) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Id-ditti tal-investiment li jwettqu tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji għandhom jirrapportaw id-dettalji sħaħ u preċiżi ta' tali tranżazzjonijiet lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata ta' xogħol li jkun imiss. | ***"***1. Id-ditti tal-investiment***, l-AIFMs kif iddefiniti fl-Artikolu 4b tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi, u l-maniġers tal-UCITS, kif iddefiniti fl-Artikolu 2.1b tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), li jipprovdu s-servizzi ddefiniti skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji,*** li jwettqu tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji għandhom jirrapportaw id-dettalji sħaħ u preċiżi ta' tali tranżazzjonijiet lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata ta' xogħol li jkun imiss. |
| L-awtoritajiet kompetenti għandhom, skont l-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/65/UE, jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji sabiex jiżguraw li l-awtorità kompetenti ***tal-aktar suq relevanti f'termini ta' likwidità għal dawk l-istrumenti finanzjarji*** tirċievi din l-informazzjoni | L-awtoritajiet kompetenti għandhom, skont l-Artikolu 85 tad-Direttiva 2014/65/UE, jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji sabiex jiżguraw li l-awtorità kompetenti ***tas-swieq rilevanti*** tirċievi din l-informazzjoni wkoll. |

wkoll.

| | |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-ESMA, fuq talba tagħha, kull informazzjoni rrappuratata skont dan l-Artikolu***. | L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni tkun tista' tiġi kondiviża ma' awtoritajiet kompetenti oħra jekk jintalab dan."***; |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11d (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11d) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal: | ***"***2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal: |
| (a) strumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar jew negozjati f'ċentru tan-negozjar jew li għalihom saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar; | (a) strumenti finanzjarji li huma ammessi għan-negozjar jew negozjati f'ċentru tan-negozjar jew li għalihom saret talba għall-ammissjoni għan-negozjar; |
| (b) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa strument finanzjarju negozjat f'ċentru tan-negozjar; ***kif ukoll*** | (b) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa strument finanzjarju negozjat f'ċentru tan-negozjar; |
| (c) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa indiċi jew basket kompost minn strumenti finanzjarji nnegozjati f'ċentru tan-negozjar. | (c) strumenti finanzjarji meta s-sottostanti huwa indiċi jew basket kompost minn strumenti finanzjarji nnegozjati f'ċentru tan-negozjar***; u*** |
| | ***(ca) derivattivi suġġetti għall-obbligu tal-ikklirjar stipulat fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 esegwiti barra minn ċentru tan-negozjar***. |
| L-obbligu għandu japplika għat- | L-obbligu għandu japplika għat- |

| | |
|---|---|
| transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (c) irrispettivament minn jekktranżazzjonijiet bħal dawn jitwettqux fiċ-ċentru tan-negozjar jew le. | transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fil-punti (a) sa (c) irrispettivament minn jekktranżazzjonijiet bħal dawn jitwettqux fiċ-ċentru tan-negozjar jew le.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Emendi għar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet biex jakkomodaw il-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid għar-rappurtar tal-OTC tad-derivattivi. Hawnhekk jinżamm il-kriterju ToTV flimkien mal-kamp ta' applikazzjoni l-ġdid għat-tranżazzjonijiet OTC, minħabba li hemm element ta' Abbuż tas-Suq fir-rappurtar tat-tranżazzjonijiet li jeħtieġ informazzjoni kompluta dwar kull ma huwa relatat maċ-ċentri tan-negozjar.*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11e (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11e) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. B'mod partikolari, ir-rapporti għandhom jinkludu d-dettalji tal-ismijiet u l-għadd ta' strumenti mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati ***l-klijenti*** li f'isimhom id-ditta tal-investimenti tkun wettqet dik it-tranżazzjoni, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, u dežinjazzjoni li tidentifika l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti konċernati ***u dežinjazzjoni biex jiġi identifikat bejgħ bin-nieqes kif definit fl-*** | "3. B'mod partikolari, ir-rapporti għandhom jinkludu d-dettalji tal-ismijiet u l-għadd ta' strumenti ***finanzjarji*** mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati ***l-partijiet*** li f'isimhom id-ditta tal-investimenti tkun wettqet dik it-tranżazzjoni, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, u dežinjazzjoni li tidentifika ***l-entità suġġetta għall-obbligu ta' rappurtar, dežinjazzjoni li tidentifika*** l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti |

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 fir-rigward ta' kwalunkwe ishma jew dejn sovran fl-ambitu tal-Artikoli 12, 13 u 17 ta' dak ir-Regolament***. Għat-tranżazzjonijiet mhux imwettqa f'ċentru tan-negozjar, ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll dożinjazzjoni sabiex jiġu identifikati t-tipi ta' tranżazzjonijiet skont il-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 20(3)(a) u l-Artikoli 21(5)(a). Rigward id-derivattivi ta' komodità, ir-rapporti għandhom jindikaw ukoll jekk it-tranżazzjoni tnaqqasx ir-riskju b'mod oġġettivament miżurabbli skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/65/UE. | konċernati***. Ir-rapporti dwar tranżazzjoni li ssir f'ċentru tan-negozjar għandhom jinkludu kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni ġġenerat u mxerred miċ-ċentru tan-negozjar kemm lill-membri xerrejja u bejjiegħa taċ-ċentru tan-negozjar***. Għat-tranżazzjonijiet mhux imwettqa f'ċentru tan-negozjar, ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll dożinjazzjoni sabiex jiġu identifikati t-tipi ta' tranżazzjonijiet skont il-miżuri li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 20(3)(a) u l-Artikoli 21(5)(a). Rigward id-derivattivi ta' komodità, ir-rapporti għandhom jindikaw ukoll jekk it-tranżazzjoni tnaqqasx ir-riskju b'mod oġġettivament miżurabbli skont l-Artikolu 57 tad-Direttiva 2014/65/UE.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza mal-EMIR TS rivedut.*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11f (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11f) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jirrapporta d-dettalji tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti nnegozjati fuq il-pjattaforma tiegħu li jiġu eżekwiti permezz tas-sistemi tiegħu minn ***ditta*** li ***mhijiex soġġetta*** għal dan ir-Regolament skont il-paragrafi 1 u 3. | ***"***5. L-operatur ta' ċentru tan-negozjar għandu jirrapporta d-dettalji tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti nnegozjati fuq il-pjattaforma tiegħu li jiġu eżekwiti permezz tas-sistemi tiegħu minn ***kwalunkwe membru, parteċipant jew utent*** li ***mhuwiex suġġett*** għal dan ir-Regolament skont il-paragrafi 1 u 3.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "kwalunkwe membru, parteċipant jew utent" huwa aktar preċiż mit-terminu "ditta" u jkun jinkludi b'mod ċar kull entità li tesegwixxi tranżazzjoni fiċ-ċentri tan-negozjar. Dan l-approċċ: (i) jiżgura li l-informazzjoni dwar l-attività ta' negozjar f'ċentru tan-negozjar partikolari tkun kompluta u konsistenti mal-informazzjoni pprovduta minn ċentri tan-negozjar oħra (ii) jiżgura allinjament aħjar mar-rekwiżiti ta' żamma ta' reġistri tal-ordnijiet skont l-Artikolu 25 tal-MiFIR (iii) ikollu impatt pożittiv fuq l-applikazzjoni ta' regoli dwar ir-rappurtar skont is-Sistema pilota tad-DLT*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 11g (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11g) fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 26, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 6. Fir-rappurtar tad-dežinjazzjoni biex jidentifikaw il-klijenti, kif meħtieġ skont il-paragrafi 3 u 4, id-ditti tal-investiment għandhom jużaw identifikatur ta' entità ġuridika stabbilit biex jidentifika ***klijenti*** li ***huma persuni ġuridiċi***. | ***"***6. Fir-rappurtar tad-dežinjazzjoni biex jidentifikaw il-klijenti, kif meħtieġ skont il-paragrafi 3 u 4, id-ditti tal-investiment għandhom jużaw ***kodiċi*** identifikatur ***ISO 17442*** ta' entità ġuridika ***stabbilit biex jidentifika partijiet li huma eliġibbli għall-kodiċi. Il-kodiċi għandu jintuża biex jiġu identifikati partijiet eliġibbli irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif jiġu ffinanzjati. Għall-partijiet li ma jkunux eliġibbli għall-kodiċi, għandu jintuża identifikatur nazzjonali*** stabbilit biex jidentifika ***partijiet*** li ***ma jkunux eliġibbli għall-identifikatur ta' entità ġuridika***.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Tagħmel espliċitu li l-obbligu li jintuża LEI japplika għall-entitajiet kollha li jkunu eliġibbli għal-LEI irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif ikunu ffinanzjati, u hija f'konformità mar-rapport ta' rieżami tal-ESMA dwar il-MiFIR fir-rigward tar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet u mal-FAQs tal-Kummissjoni dwar l-EMIR. Il-parteċipanti fis-suq kieku jġarrbu spiża inizjali biex jiġbru mis-sistemi tagħhom l-informazzjoni dwar il-kategorija ta' klijent u biex jadattaw l-iskema ta' rappurtar, iżda din l-ispiża tkun aktar baxxa mill-istabbiliment ta' sistema ta' rappurtar speċifika ġdida biex din l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-NCA tagħhom.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 12**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) l-Artikolu 26(9) huwa emendat kif ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) jiżdied il-punt (j) li ġej:*** | |
| ***"(j) id-data sa meta t-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rrapportati.";*** | |
| ***(b) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:*** | |
| ***"Meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, l-ESMA għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew f'dak globali, kif ukoll il-konsistenza tagħhom mar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/834 u fir-Regolament (UE) 2015/2365.";*** | |

Or. en

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 12a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 26 – paragrafu 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(12a) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 9. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika: | ***"***9. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika: |
| (a) l-istandards u l-formats tad-dejta sabiex l-informazzjoni tiġi rrappurtata skont il-paragrafu 1 u 3, inklużi l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u l-forma u l-kontenut ta' tali rapporti; | (a) l-istandards u l-formats tad-dejta sabiex l-informazzjoni tiġi rrappurtata skont il-paragrafu 1 u 3, inklużi l-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u l-forma u l-kontenut ta' tali rapporti; |
| (b) il-kriterji għad-definizzjoni ta' suq relevanti skont il-paragrafu 1; | (b) il-kriterji għad-definizzjoni ta' suq relevanti skont il-paragrafu 1; |
| (c) ir-referenzi tal-istrumenti finanzjarji mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjoni, l-informazzjoni u d-dettalji tal-identità tal-klijent, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-klijenti li f'isimhom il-kumpanija tal-investimenti wettqet dik it-tranżazzjoni, dežinazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, dežinjazzjoni li tidentifika l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, il-mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti konċernati, il-mod li bih twettqet it-tranżazzjoni, it-taqsimiet tad-dejta meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet skont il-paragrafu 3; ***u*** | (c) ir-referenzi tal-istrumenti finanzjarji mixtrija jew mibjugħa, il-kwantità, id-dati u l-ħinijiet tal-eżekuzzjoni, il-prezzijiet tat-tranżazzjoni, l-informazzjoni u d-dettalji tal-identità tal-klijent, dežinjazzjoni sabiex jiġu identifikati l-klijenti li f'isimhom il-kumpanija tal-investimenti wettqet dik it-tranżazzjoni, dežinazzjoni sabiex jiġu identifikati l-persuni u l-algoritmi tal-kompjuter fid-ditta tal-investiment responsabbli mid-deċiżjoni tal-investiment u t-twettiq tat-tranżazzjoni, dežinjazzjoni li tidentifika l-eżenzjoni applikabbli li skontha jkun sar in-negozjar, il-mezzi ta' identifikazzjoni tad-ditti tal-investimenti konċernati, il-mod li bih twettqet it-tranżazzjoni, it-taqsimiet tad-dejta meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tar-rapporti tat-tranżazzjonijiet skont il-paragrafu 3; |
| ***(d) id-dežinjazzjoni biex jiġi identifikat bejgħ bin-nieqes ta' ishma u dejn sovran kif imsemmi fil-paragrafu 3;*** | |
| (e) il-kategoriji rilevanti ta' ***strumenti finanzjarji*** li għandhom jiġu rrappurtati skont il-paragrafu 2; | (e) il-kategoriji rilevanti ta' ***indiċijiet*** li għandhom jiġu rrappurtati skont il-paragrafu 2; |
| (f) il-kundizzjonijiet li bihom l- | (f) il-kundizzjonijiet li bihom l- |

| | |
|---|---|
| identifikaturi ta' entità ġuridika jiġu żviluppati, attribwiti u miżmuma mill-Istati Membri skont il-paragrafu 6, u l-kundizzjonijiet li bihom jintużaw dawn l-identifikaturi ta' entità ġuridika minn ditti tal-investiment sabiex jipprovdu, skont il-paragrafi 3, 4 u 5, id-dežinjazzjoni biex jiġu identifikati l-klijenti fir-rapporti tat-tranżazzjonijiet li huma meħtieġa jistabbilixxu skont il-paragrafu 1. | identifikaturi ta' entità ġuridika jiġu żviluppati, attribwiti u miżmuma mill-Istati Membri skont il-paragrafu 6, u l-kundizzjonijiet li bihom jintużaw dawn l-identifikaturi ta' entità ġuridika minn ditti tal-investiment sabiex jipprovdu, skont il-paragrafi 3, 4 u 5, id-dežinjazzjoni biex jiġu identifikati l-klijenti fir-rapporti tat-tranżazzjonijiet li huma meħtieġa jistabbilixxu skont il-paragrafu 1. |
| (g) l-applikazzjoni tal-obbligi tar-rappurtar tat-transazzjonijiet lil fergħat ta' ditti tal-investiment; | (g) l-applikazzjoni tal-obbligi tar-rappurtar tat-transazzjonijiet lil fergħat ta' ditti tal-investiment; |
| (h) dak li jikkostitwixxitranżazzjoni u t-twettiq ta'tranżazzjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu**.** | (h) dak li jikkostitwixxitranżazzjoni u t-twettiq ta'tranżazzjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu***;*** |
| (i) meta ditta tal-investiment titqies li tkun ittrażmettiet ordni għall-finijiet tal-paragrafu 4. | (i) meta ditta tal-investiment titqies li tkun ittrażmettiet ordni għall-finijiet tal-paragrafu 4***;*** |
| | ***(ia) il-kundizzjonijiet biex jintrabtu tranżazzjonijiet speċifiċi u l-mezzi tal-identifikazzjoni tal-ordnijiet aggregati li jirriżultaw fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni;*** |
| | ***(ib) id-data sa meta t-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rrappurtati***. |
| L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sat-3 ta' Lulju 2015***. | L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sa ... [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***. |
| Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. | Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***";*** |

Or. en

*(02014R0600-20220101)*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 14a (ġdid)**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27d

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) l-Artikolu 27d huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 27d | ***"***Artikolu 27d |
| Proċeduri għall-għoti u r-rifjut tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni | Proċeduri għall-għoti u r-rifjut tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ***għall-ARMs u l-APAs";*** |
| | ***(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. ***Il-fornitur*** applikant ***ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta*** għandu jippreżenta applikazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, tkun tista' tikkonferma li ***l-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta*** stabbilixxa, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, inkluż programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi, inter alia, it-tipi ta' servizzi previsti u l-istruttura organizzazzjonali. | ***"***1. ***L-APA jew l-ARM*** applikant għandu jippreżenta applikazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, tkun tista' tikkonferma li ***l-APA jew l-ARM*** stabbilixxa, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, inkluż programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi, inter alia, it-tipi ta' servizzi previsti u l-istruttura organizzazzjonali.***";*** |
| | ***(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta, tivvaluta l-konformità ***tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta*** ma' dan it-Titolu. Hija għandha tadotta deċiżjoni kompletament motivata li tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni u tinnotifika ***lill-fornitur*** applikant ***ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta*** kif xieraq fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol. | ***"***3. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta, tivvaluta l-konformità ***tal-APA jew l-ARM*** ma' dan it-Titolu. Hija għandha tadotta deċiżjoni kompletament motivata li tagħti jew tirrifjuta awtorizzazzjoni u tinnotifika ***lill-APA jew l-ARM*** applikant kif xieraq fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jkun limitat għall-ARMs u l-APAs, biex isir allinjament mal-proposta li tiġi koperta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għas-CTPs fl-Artikolu 27db.*

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 15**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (15) jiddaħħal l-Artikolu li ġej: |
| *Artikolu 27da* | ***"****Artikolu 27da* |
| Proċess ***tal-għażla għall-awtorizzazzjoni ta' fornitur uniku ta'*** tape konsolidat ***għal kull klassi ta' assi*** | Proċess ***biex jintagħżlu fornituri ta'*** tape konsolidat |
| 1. ***Sa [PO daħħal data 3 xhur mid-dħul fis-seħħ],*** l-ESMA għandha torganizza proċedura tal-għażla għall-ħatra tas-CTP għal terminu ta' ħames snin. L-ESMA għandha torganizza proċedura tal-għażla separata għal kull ***waħda mill-klassijiet*** ta' assi ***li ġejjin: ishma, fondi negozjati fil-borża, bonds u derivattivi (jew subklassijiet rilevanti ta' derivattivi*** | 1. ***Sa ... [tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat skont l-Artikolu 22b(2)],*** l-ESMA għandha torganizza proċedura tal-għażla għall-ħatra tas-CTP għal terminu ta' ħames snin. L-ESMA għandha torganizza proċedura tal-għażla separata għal kull ***klassi*** ta' assi ***bi prijorità mogħtija lill-bonds u l-ishma u l-ETFs iktar milli lid-derivattivi. Kull proċedura tal-għażla għandha tinbeda mhux aktar tard minn sitt xhur wara li tinbeda dik preċedenti.*** |
| 2. Għal kull waħda mill-klassijiet ta' assi msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha ***tivvaluta l-applikazzjonijiet*** abbażi tal-kriterji li ġejjin: | ***2.*** Għal kull waħda mill-klassijiet ta' assi msemmija fil-paragrafu 1, l-ESMA għandha ***tagħżel lill-applikant għal awtorizzazzjoni sussegwenti*** abbażi tal-kriterji li ġejjin: |
| (a) il-kapaċità teknika ***tal-applikanti*** sabiex ***jipprovdu*** tape konsolidat reżiljenti madwar l-Unjoni; | (a) il-kapaċità teknika ***tal-applikant*** sabiex ***jipprovdi*** tape konsolidat reżiljenti madwar l-Unjoni; |
| (b) il-kapaċità ***tal-applikanti*** li ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti organizzazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 27h; | (b) il-kapaċità ***tal-applikant*** li ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti organizzazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 27h; |
| | ***(ba) il-kapaċità li jirċievi, jikkonsolida*** |

| | |
|---|---|
| | ***u jxerred data tas-suq ta' qabel u wara n-negozjar għall-ishma, sal-ewwel ħames saffi tar-reġistru tal-ordnijiet, u data ta' wara n-negozjar għall-ETFs, il-bonds u d-derivattivi;*** |
| (c) ***l-istruttura*** ta' tmexxija ***tal-applikanti***; | (c) ***l-adegwatezza tal-istruttura*** ta' tmexxija ***tal-applikant***; |
| (d) ***il-veloċità*** li biha ***l-applikanti jistgħu jxerrdu d-data ewlenija tas-suq***; | (d) ***l-adegwatezza tal-veloċità*** li biha ***l-applikant jista' jxerred id-data*** ewlenija tas-suq; |
| (e) ***il-kapaċità tal-applikanti li jxerrdu data ta' kwalità tajba***; | (e) ***ix-xerqien tal-metodi u l-arranġamenti tal-applikant biex jiżgura l-kwalità tad-data***; |
| (f) ***in-nefqa*** totali meħtieġa ***mill-applikanti*** sabiex jiżviluppaw tape konsolidat u l-kostijiet tat-tħaddim tat-tape konsolidat fuq bażi kontinwa; | (f) ***il-livell raġonevoli tan-nefqa*** totali meħtieġa ***mill-applikant*** sabiex jiżviluppaw tape konsolidat u l-kostijiet tat-tħaddim tat-tape konsolidat fuq bażi kontinwa; |
| (g) il-livell tat-tariffi li l-applikant biħsiebu jitlob lit-tipi differenti ta' utenti tad-data ewlenija tas-suq***;*** | (g) il-livell tat-tariffi li l-applikant biħsiebu jitlob lit-tipi differenti ta' utenti tad-data ewlenija tas-suq***, il-proporzjonalità tagħhom mal-ispejjeż imġarrba biex jitħaddem is-CTP, kif ukoll il-mudelli tat-tariffi u l-liċenzjar tiegħu;*** |
| (h) il-possibbiltà li ***l-applikanti jużaw*** teknoloġiji moderni ta' interfaċċi sabiex ifornu d-data ewlenija tas-suq u għall-konnettività; | (h) il-possibbiltà li ***l-applikant juża*** teknoloġiji moderni ta' interfaċċi sabiex ifornu d-data ewlenija tas-suq u għall-konnettività; |
| (i) ***il-mezz ta' ħżin li l-applikanti se jużaw għall-ħżin ta' data storika;*** | (i) ***ix-xerqien tal-arranġamenti stabbiliti biex jiġu preservati r-reġistri għall-finijiet tal-Artikolu 27ha(3)*** |
| (j) ***il-protokolli li l-applikanti se jużaw sabiex jipprevjenu u jindirizzaw il-qtugħ.*** | (j) ***il-kapaċità li jiġu żgurati r-regolarità, ir-reżiljenza u l-kontinwità tal-operat;*** |
| 3. ***L-ewwel proċedura tal-għażla organizzata għall-ishma għandha tistieden biss offerti għall-forniment ta' tape konsolidat li jinkludi data ta' wara n-negozjar. Qabel il-proċeduri tal-għażla sussegwenti, l-ESMA għandha tivvaluta d-domanda tas-suq u l-impatti fuq id-dħul fis-swieq regolati u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-opportunità li jiżdiedu l-aħjar offerti u l-volumi korrispondenti mat-tape.*** | 3. ***Minbarra l-kriterji fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-għażla tas-CTP għall-ishma u l-ETFs għandha tqis l-iskema ta' ridistribuzzjoni tad-dħul, u b'mod partikolari l-formula applikabbli għas-swieq regolati iżgħar li jiddeċiedu li jipparteċipaw b'mod volontarju fil-kontribut obbligatorju tad-data tas-suq, f'konformità mal-Artikolu 22a(2b). Dan id-dħul għandu jitqassam f'konformità mal-Artikolu 27h(1)(c), u b'mod** |

| | |
|---|---|
| ***Abbażi ta' dak ir-rapport u tal-esperjenza miksuba wara l-ewwel proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat li jispeċifika l-livell xieraq ta' data ta' qabel in-negozjar li għandha tiġi kkontribwita lis-CTP.*** | ***proporzjonali għal-livell ta' kontribut tad-data tas-suq kontribwita għall-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 22a.*** |
| 4. ***Minbarra l-kriterji fil-paragrafu 2, l-għażla tas-CTP għall-ishma għandha tqis l-iskema ta' parteċipazzjoni fid-dħul, u b'mod partikolari l-formula applikabbli għas-swieq regolati li huma kontributuri tad-data tas-suq. Meta tqis l-offerti kompetituri, l-ESMA għandha tagħżel is-CTP għall-ishma li joffri l-iskema ta' parteċipazzjoni fid-dħul li tipprovdi lis-swieq regolati, b'mod partikolari s-swieq regolati iżgħar, bl-ogħla ammont ta' dħul li jifdal sabiex jiġi ddistribwit ladarba jitnaqqsu l-kostijiet operatorji u marġni raġonevoli. Dan id-dħul għandu jitqassam f'konformità mal-Artikolu 27h(1)(c), u b'mod proporzjonali għad-data tas-suq kontribwita skont l-Artikolu 22a.*** | 4. ***L-ESMA għandha tadotta deċiżjoni kompletament motivata li tagħżel l-entitajiet meqjusa xierqa biex iħaddmu t-tapes konsolidati, u għandha tistedinhom jissottomettu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tinbeda l-proċedura tal-għażla msemmija fil-paragrafu 1.*** |
| | *(Ristrutturar tal-Artikolu bi tqabbil mal-proposta tal-Kummissjoni - fid-dawl tal-inklużjoni tal-Artikolu 27db.)* |

Or. en

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 15a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27db (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 27db*** |
| | ***Proċess ta' awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' tapes konsolidati*** |
| | ***L-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 27da għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa kollha biex l-*** |

***ESMA tkun tista' tikkonferma li, fi żmien l-awtorizzazzjoni inizjali, l-applikant ikun stabbilixxa l-arranġamenti meħtieġa kollha biex jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 27da(2) u biex jikkonforma mar-rekwiżiti organizzazzjonali stipulati fl-Artikolu 27h.***

***L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tkunx kompluta fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tirċiviha.***

***Fejn l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi skadenza sa meta l-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' data għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.***

***Wara li tivvaluta li l-applikazzjoni tkun kompluta, l-ESMA għandha tinnotifika lis-CTP kif meħtieġ. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta, l-ESMA għandha tivvaluta l-konformità tas-CTP ma' dan it-Titolu. Din għandha tadotta deċiżjoni kompletament motivata li tagħti jew tirrifjuta l-awtorizzazzjoni u għandha tinnotifika lis-CTP applikant kif meħtieġ fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Din id-deċiżjoni motivata għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom għandu jopera s-CTP u, b'mod partikolari, il-livell ta' tariffi msemmi fl-Artikolu 27da(2)(g) u, għall-ishma, il-livell ta' parteċipazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu.";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Inklużjoni ta' artikolu ġdid u speċifiku dwar l-awtorizzazzjoni tas-CTP. Il-proċedura tikkonforma mal-awtorizzazzjonijiet ta' kwalunkwe infrastruttura tas-suq u hija meħtieġa biex issir distinzjoni bejn il-proċedura tal-għażla u dik ta' awtorizzazzjoni, biex jiġi evitat: 1) li s-CTP jġarrab l-ispejjeż tal-konformità kollha mingħajr ma jkun intgħażel; 2) li l-ESMA tawtorizza CTP mingħajr ma tivvaluta l-konformità tiegħu. Dan jinkludi dispożizzjoni mċaqilqa mill-Artikolu 27 da, u oħrajn mill-Artikolu 27c, iżda adattati għas-CTPs.*

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 15b (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27e – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Fl-Artikolu 27e, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"2a. DRSP li tkun ġiet irtirata r-reġistrazzjoni tiegħu għandu jiżgura sostituzzjoni ordnata, inklużi t-trasferiment tad-data lil DRSPs oħra, avviż xieraq lill-klijenti tiegħu u r-riorjentazzjoni tal-flussi ta' rappurtar lil DRSPs oħra qabel l-irtirar.";*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-EMIR jipprovdi li TRs li tkun ġiet irtirata l-awtorizzazzjoni tagħhom għandhom jittrasferixxu, b'mod ordnat, id-data tagħhom lil TRs oħra, biex jiġi evitat tfixkil maġġuri fil-kwalità tad-data li jista' jiġi kkawżat minn telf jew duplikazzjoni tad-data. Attwalment, ma hemmx dispożizzjoni ekwivalenti għall-ARMs, u aħna nissuġġerixxu li din tiġi introdotta. Dan kieku jiżgura allinjament mal-EMIR u l-SFTR u jippreserva l-kwalità tad-data f'każ li l-ARMs ma jkomplux jipprovdu s-servizz.*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 15c (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27f

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) l-Artikolu 27f huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu f'kull ħin ikun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollu biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza u jimpenja biżżejjed ħin sabiex | ***"***1. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu f'kull ħin ikun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollu biżżejjed għarfien, ħiliet u esperjenza u jimpenja biżżejjed ħin sabiex |

jaqdi dmirijietu.

Il-korp maniġerjali għandu jkollu l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi adegwati sabiex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta. Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb sabiex jikkontesta b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn meħtieġ u sabiex jissorvelja u jimmonitorja b'mod effettiv it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, fejn meħtieġ.

Fejn operatur tas-suq jitlob awtorizzazzjoni sabiex jopera APA***, CTP*** jew ARM skont ***l-Artikolu 27d*** u l-membri tal-korp maniġerjali tal-APA***, tas-CTP*** jew tal-ARM ikunu l-istess bħall-membri tal-korp maniġerjali tas-suq regolat, dawk il-persuni jitqiesu bħala li jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

2. Fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jinnotifika lill-ESMA, jew lill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, bl-ismijiet tal-membri kollha tal-korp maniġerjali tagħha u dwar kwalunkwe bidliet fis-sħubija tagħha, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi vvalutat jekk l-entità hijiex konformi mal-paragrafu 1.

3. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jiddefinixxi u jissorvejla l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti ta' organizzazzjoni, inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq u l-interessi tal-klijenti tiegħu.

4. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna jew il-persuni li jidderieġu b'mod effettiv in-

jaqdi dmirijietu.

Il-korp maniġerjali għandu jkollu l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi adegwati sabiex ikun kapaċi jifhem l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta. Kull membru tal-korp maniġerjali għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb sabiex jikkontesta b'mod effettiv id-deċiżjonijiet tal-maniġment superjuri fejn meħtieġ u sabiex jissorvelja u jimmonitorja b'mod effettiv it-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, fejn meħtieġ.

Fejn operatur tas-suq jitlob awtorizzazzjoni sabiex jopera APA jew ARM skont ***l-Artikolu 27c jekk jissodisfa l-kriterji għal deroga mis-superviżjoni tal-ESMA*** u l-membri tal-korp maniġerjali tal-APA jew tal-ARM ikunu l-istess bħall-membri tal-korp maniġerjali tas-suq regolat, dawk il-persuni jitqiesu bħala li jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

2. Fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jinnotifika lill-ESMA, jew lill-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, bl-ismijiet tal-membri kollha tal-korp maniġerjali tagħha u dwar kwalunkwe bidliet fis-sħubija tagħha, flimkien mal-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi vvalutat jekk l-entità hijiex konformi mal-paragrafu 1.

3. Il-korp maniġerjali ta' fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta għandu jiddefinixxi u jissorvejla l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti ta' organizzazzjoni, inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u b'mod li jippromwovi l-integrità tas-suq u l-interessi tal-klijenti tiegħu.

4. L-ESMA, jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fejn rilevanti, għandha tirrifjuta ***jew tirtira*** l-awtorizzazzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna jew il-persuni li jidderieġu b'mod

negozju tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta huma ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli sabiex wieħed jemmen li l-bidliet proposti fil-korp tal-immaniġġjar tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jikkawżaw theddida għall-immaniġġjar tajjeb u prudenti tiegħu u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti tiegħu u għall-integrità tas-suq.

effettiv in-negozju tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta huma ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, jew jekk ikun hemm raġunijiet oġġettivi u dimostrabbli sabiex wieħed jemmen li l-bidliet proposti fil-korp tal-immaniġġjar tal-fornitur ta' servizzi ta' rapportar ta' dejta jikkawżaw theddida għall-immaniġġjar tajjeb u prudenti tiegħu u għall-kunsiderazzjoni adegwata tal-interessi tal-klijenti tiegħu u għall-integrità tas-suq.

***4a. APA għandu jkollu rekwiżiti oġġettivi, nondiskriminatorji u ddivulgati pubblikament biex impriżi li jkunu suġġetti għall-obbligi ta' trasparenza skont l-Arikolu 20(1) u l-Artikolu 21(1) jiksbu aċċess għas-servizzi tiegħu. APA għandu jiddivulga pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizz ta' rappurtar ta' data pprovdut skont dan ir-Regolament. Separatament, dan għandu jiddivulga l-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz ipprovdut, inklużi skontijiet u rifużjonijiet u l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis. Dan għandu jippermetti lill-entitajiet relatriċi jaċċessaw servizzi speċifiċi separatament. Il-prezzijiet u t-tariffi imposti minn APA għandhom ikunu relatati mal-ispejjeż.***

***4b. L-APAs għandhom iżommu u jippreservaw ir-reġistri relatati man-negozju tagħhom għal mill-inqas ħames snin. L-informazzjoni dwar l-ewwel sentejn għandha tinżamm f'post aċċessibbli faċilment, u l-APA għandu jipprovdi dawn ir-reġistri lill-ESMA minnufih meta jintalab jagħmel dan.***

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sal-1 ta' Jannar 2021 għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali deskritti fil-paragrafu 1, wara li tqis ir-rwoli u l-funzjonijiet differenti tagħhom u l-ħtieġa li tevita kunflitti ta' interess bejn il-membri tal-korp maniġerjali u l-utenti tal-APA, CTP jew ARM.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sal-1 ta' Jannar 2021 għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali deskritti fil-paragrafu 1, wara li tqis ir-rwoli u l-funzjonijiet differenti tagħhom u l-ħtieġa li tevita kunflitti ta' interess bejn il-membri tal-korp maniġerjali u l-utenti tal-APA, CTP jew ARM.

| | |
|---|---|
| Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. | Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-każ ta' data tas-suq li tikkonċerna l-ishma, iqassmu mill-ġdid parti mid-dħul tagħhom għall-finijiet tal-kopertura tal-kost relatat mal-kontribut obbligatorju ***u tal-iżgurar ta' livell ġust ta' parteċipazzjoni għas-swieq regolati, u b'mod partikolari għas-swieq regolati iżgħar, fid-dħul iġġenerat mit-tape konsolidat***, f'konformità mal-Artikolu 27da(4); | (c) fil-każ ta' data tas-suq li tikkonċerna l-ishma ***u l-ETFs***, iqassmu mill-ġdid parti mid-dħul tagħhom għall-finijiet tal-kopertura tal-kost relatat mal-kontribut obbligatorju, f'konformità mal-Artikolu 27da(4)***. Il-livell ta' dħul ridistribwit lil kull kontributur tad-data tas-suq għandu jkun proporzjonali għall-kontribut tad-data pprovduta lis-CTP minn dak il-kontributur tad-data tas-suq għall-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet. Id-dħul iġġenerat mill-flussi ta' data kkonsolidata ta' qabel u wara n-negozjar għandu jiġi ridistribwit esklużivament lill-kontributuri għal fluss ta' data partikolari***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament tad-dispożizzjoni mal-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni ddettaljat fl-Artikolu 27da(4), u żgurar li d-data trasparenti ta' qabel in-negozjar tiġi assenjata valur*

*ogħla fil-mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni tad-dħul, biex jiġi rifless aħjar il-valur (ogħla) tal-kontribut tagħhom għall-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet. Dan għandu jwassal għar-ridistribuzzjoni proporzjonali ta' aktar dħul liċ-ċentri mdawla. Madankollu, għall-kuntrarju tal-proposta tal-COM, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni jkopri biss l-ispejjeż imġarrba mill-kontributuri tad-data tas-suq.*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) f'każ tad-data tas-suq li tikkonċerna klassijiet ta' assi li mhumiex ishma u ETFs, jitħallew jagħmlu ridistribuzzjoni ta' parti mid-dħul biex jiġu ppremjati l-kwalità u l-puntwalità tal-kontributi tad-data;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Introduzzjoni tal-possibbiltà - fuq bażi nondiskriminatorja -li s-CTPs f'nonekwitajiet jagħmlu ridistribuzzjoni ta' parti mid-dħul tagħhom biex joħolqu mekkaniżmu "onest" b'rabta mad-data tas-suq li jirċievu. Dan, flimkien ma' emendi relatati mar-rappurtar tat-tranżazzjonijiet, ir-reġim SI u l-kwalità tad-data, huwa mistenni jikkontribwixxi għat-titjib fl-ispazju mingħajr ekwità, fejn mid-dehra d-data mhijiex ċara u ma tistax tiġi nnavigata faċilment.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) jiżguraw li l-pubblikazzjoni tad-data ewlenija tas-suq tikkonforma mal-eżenzjonijiet u d-differimenti applikabbli fl-Artikoli 4, 7, 11, 14, 20 u 21;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li r-responsabbiltà tal-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet u differimenti ma tingħatax lis-CTP, iżda tibqa' taċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u l-SIs, skont l-Artikoli ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ladarba s-CTPs ikunu kompletament operazzjonali, tista' titqies espansjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà tagħhom biex tiġi inkluża l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u d-differimenti.*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) ikollhom stabbiliti sistemi li b'mod effettiv ikunu jistgħu jiċċekkjaw ir-rapporti tan-negozji għall-kompletezza, jidentifikaw omissjonijiet u żbalji ovvji, u jitolbu t-trażmissjoni mill-ġdid ta' rapporti żbaljati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Rekwiżit miżjud biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżit analogu tal-APA.*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-fini tal-istabbiliment ***tal-parteċipazzjoni*** fil-punt (c), ***id-dħul*** tas-CTP ***għandu jiġi allokat fost is-swieq regolati*** skont formula li tirrifletti l-proporzjon ta' likwidità trasparenti qabel | Għall-fini tal-istabbiliment ***tar-ridistribuzzjoni tad-dħul***fil-punt (c) ***ta' dan il-paragrafu***, ***is-swieq regolati iżgħar li jagħżlu li jipparteċipaw fil-kontribut obbligatorju ta' data tas-suq lis-CTP,*** |

| | |
|---|---|
| in-negozjar f'ishma murija minn ***suq*** regolat, bi tqabbil mal-fatturat medju ta' kuljum f'dawn l-ishma fl-Unjoni. | ***f'konformità mal-Artikolu 22a(2b), għandhom jiġu allokati sehem ogħla mid-dħul*** tas-CTP***,*** skont formula li tirrifletti l-proporzjon ta' likwidità trasparenti qabel in-negozjar f'ishma murija minn ***dak is-suq*** regolat, bi tqabbil mal-fatturat medju ta' kuljum f'dawn l-ishma fl-Unjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li s-sehem mid-dħul ridistribwit lis-swieq regolati iżgħar li jiddeċiedu li jipparteċipaw fis-CT ikun ogħla minn dak allokat lil kontributuri oħra ta' data tas-suq (jiġifieri jenħtieġ li ma jkoprix biss l-ispejjeż għall-produzzjoni u l-"ispedizzjoni" tad-data tas-suq, iżda jkun hemm ftit żejjed ukoll). L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jinħoloq inċentiv għas-swieq regolati iżgħar biex jiġu inklużi fis-CT. Is-swieq regolati iżgħar kieku jibbenefikaw minn inklużjoni fis-CT, jiġifieri żieda fis-sehem mis-suq relattiv tagħhom, fl-attraenza ġenerali għall-investitur, fluss ikbar ta' kapitali - f'konformità mal-objettivi tas-CMU.*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 16**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27h – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Wara ***12-il*** xahar ta' tħaddim sħiħ tas-CTP għall-ishma, l-ESMA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni motivata dwar l-effettività u l-ġustizzja tal-livell ta' parteċipazzjoni ***tas-swieq*** regolati fid-dħul iġġenerat mis-CTP, kif stipulat f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-ESMA tipprovdi opinjonijiet oħrajn, fejn meħtieġ jew xieraq. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 50 sabiex tirrevedi l-koeffiċjent tal-allokazzjoni għar-ridistribuzzjoni tad-dħul, fejn xieraq. | 4. Wara ***24*** xahar ta' tħaddim sħiħ tas-CTP għall-ishma ***u l-ETFs***, l-ESMA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'opinjoni motivata dwar l-effettività u l-ġustizzja tal-livell ta' parteċipazzjoni ***ta' swieq*** regolati ***iżgħar li jkunu ddeċidew li jipparteċipaw fil-kontribut obbligatorju ta' data tas-suq, f'konformità mal-Artikolu 22a(2b),*** fid-dħul iġġenerat mis-CTP, kif stipulat f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-ESMA tipprovdi opinjonijiet oħrajn, fejn meħtieġ jew xieraq. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 50 sabiex tirrevedi l-koeffiċjent tal- |

allokazzjoni għar-ridistribuzzjoni tad-dħul, fejn xieraq.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jenħtieġ li s-CT ikun ilu operazzjonali għal mill-inqas sena sabiex l-ESMA tkun tista' tipprovdi l-ewwel valutazzjoni affidabbli tal-impatt tas-CT fuq is-suq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ESMA tivvaluta jekk l-iskema ta' ridistribuzzjoni tad-dħul kinitx effettiva biex tattira s-swieq regolati iżgħar lejn is-CT u jekk, għal dawk għażlu li jipparteċipaw, kienx hemm benefiċċji tanġibbli. Jekk jiġi ddimostrat li l-effett ġenerali tal-inklużjoni tas-swieq regolati iżgħar kien pożittiv, jista' jkun li l-COM tkun tixtieq tqis li telimina l-eżenzjonijiet ipprovduti skont l-Artikolu 22b(2ab)*

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 17a (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 27i – paragrafu 4a u 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) fl-Artikolu 27i, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:*** |
| | ***"4a. ARM għandu jkollu rekwiżiti oġġettivi, nondiskriminatorji u ddivulgati pubblikament biex impriżi li jkunu suġġetti għall-obbligu ta' rappurtar stipulat fl-Artikolu 26 jiksbu aċċess għas-servizzi tiegħu.*** |
| | ***ARM għandu jiddivulga pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi relatati mas-servizzi pprovduti skont dan ir-Regolament. Separatament, dan għandu jiddivulga l-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz ipprovdut, inklużi skontijiet u rifużjonijiet u l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis. Dan għandu jippermetti lill-entitajiet relatriċi jaċċessaw servizzi speċifiċi separatament. Il-prezzijiet u t-tariffi imposti minn ARM għandhom ikunu relatati mal-ispejjeż.*** |
| | ***4b. L-ARMs għandhom iżommu u jippreservaw ir-reġistri relatati man-*** |

***negozju tagħhom għal mill-inqas ħames snin. L-informazzjoni dwar l-ewwel sentejn għandha tinżamm f'post aċċessibbli faċilment, u l-ARM għandu jipprovdi dawn ir-reġistri lill-ESMA minnufih meta jintalab jagħmel dan.";***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Rekwiżiti ta' FRAND u ta' żamma ta' reġistri għall-ARMs - f'konformità mal-emendi preċedenti dwar 27f*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 19 – parti introduttorja**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) fl-Artikolu 32, jiżdiedu l-paragrafi 7, 8 u 9 li ġejjin: | (19) fl-Artikolu 32, jiżdiedu l-paragrafi 7, ***7a,*** 8 u 9 li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 19**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Fejn l-ESMA tqis li ċerti avvenimenti jew żviluppi jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-likwidità disponibbli fl-Unjoni f'ċerti derivattivi jew fid-derivattivi kollha jkunu ġew iddikjarati suġġett għall-obbligu ta' negozjar, l-ESMA tista' titlob li l-Kummissjoni tissospendi temporanjament*** |

***l-applikazzjoni tal-obbligu ta' negozjar stabbilit fl-Artikolu 28(1) u (2) ta' dan ir-Regolament għal dawk l-istrumenti finanzjarji.***

***Is-sospensjoni temporanja msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 10. Din tista' tiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' mhux aktar minn tliet xhur kull darba jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni temporanja jibqgħu jkunu applikabbli.***

***Fejn is-sospensjoni temporanja ma tiġġeddidx wara dak il-perjodu ta' tliet xhur, din għandha tiskadi awtomatikament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' għażla ta' sospensjoni awtonoma għad-DTO, jiġifieri indipendenti minn sospensjoni tal-obbligu tal-ikklirjar, sabiex l-ESMA jkollha l-għodda meħtieġa disponibbli f'xenarji fejn tista' tkun meħtieġa s-sospensjoni tad-DTO iżda mhux tal-obbligu tal-ikklirjar. Dan il-mekkaniżmu kieku jippermetti s-sospensjoni tad-DTO indipendentement mis-CO għal ċerti derivattivi jew għad-derivattivi kollha, u abbażi ta' kriterji li jkunu aktar flessibbli minn dawk inklużi fl-Artikolu 32a. Din il-proposta ġiet appoġġata bil-qawwa mill-partijiet ikkonċernati fis-suq.*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 19**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32 – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. It-talba msemmija ***fil-paragrafu 7*** ma għandhiex tiġi ppubblikata. | 8. It-talba msemmija ***fil-paragrafi 7 u 7a*** ma għandhiex tiġi ppubblikata. |

Or. en

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 19**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32 – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Wara li tkun irċeviet it-talba msemmija ***fil-paragrafu 7***, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat u abbażi tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-ESMA, il-Kummissjoni għandha tagħmel waħda minn dawn li ġejjin: | 9. Wara li tkun irċeviet it-talba msemmija ***fil-paragrafi 7 u 7a***, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat u abbażi tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-ESMA, il-Kummissjoni għandha tagħmel waħda minn dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 20**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32a (ġdid) – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 32a | Artikolu 32a |
| Sospensjoni ***awtonoma*** tal-obbligu ta' negozjar | Sospensjoni tal-obbligu ta' negozjar |

Or. en

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 20**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32a – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) tinnegozja f'derivattivi regolarment, suġġett għall-obbligu ta' negozjar tad-derivattivi, ma' ġeneraturi*** |

***tas-suq mhux taż-ŻEE li ma għandhomx sħubija attiva f'faċilità organizzata tan-negozjar ibbażata fl-Unjoni li toffri negozjar bejn ditti ta' investiment li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq fid-derivattiva suġġetta għall-obbligu ta' negozjar.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta COM tindirizza l-impatt tas-suq ta' bejn in-negozjanti u l-klijenti billi tippermetti sospensjoni temporanja meta tirċievi l-kwotazzjonijiet tal-klijenti minn kontropartijiet bl-ebda sħubija attiva f'ċentru tan-negozjar tal-UE. Madankollu, din is-soluzzjoni ma tindirizzax is-suq ta' bejn in-negozjanti għas-CDS fl-Ewropa. L-introduzzjoni tal-possibbiltà ta' sospensjonijiet għall-pjattaformi ta' bejn in-negozjanti tiżgura li d-ditti tal-UE jkunu jistgħu jużaw faċilment is-servizzi ta' kklirjar tal-UE fis-swieq tas-CDS, li jappoġġa l-aġenda tal-UE direttament biex tiġi appoġġata l-kompetittività tas-CCPs tal-UE u l-ikklirjar fl-UE.*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 20**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta tivvaluta jekk tissospendix l-obbligu ta' negozjar f'konformità ***mal-paragrafu 1***, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni jekk din is-sospensjoni tal-obbligu ta' negozjar ikollhiex effett distorsiv fuq l-obbligu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. | 2. Meta tivvaluta jekk tissospendix l-obbligu ta' negozjar ***f'derivattivi*** f'konformità ***mal-paragrafu 1(a) sa (c) ta' dan l-Artikolu***, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni jekk din is-sospensjoni tal-obbligu ta' negozjar ikollhiex effett distorsiv fuq l-obbligu tal-ikklerjar stabbilit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.<br>***Meta tivvaluta jekk tissospendix l-obbligu ta' negozjar tad-derivattivi f'konformità mal-paragrafu 1(d) ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-ditti ta' investiment li jibbenefikaw mis-sospensjoni jikklirjaw dawn id-derivattivi f'kontroparti ċentrali awtorizzata f'konformità mar-Regolament*** |

***(UE) 2012/648.***

***Il-Kummissjoni għandha tikkuntattja wkoll lil Stati Membri oħra biex tivvaluta jekk ditti ta' investiment fi Stati Membri li ma jkunux dak li jagħmel it-talba, f'konformità mal-paragrafu 1, ikunux f'sitwazzjoni simili għal dawk fl-Istat Membru jew Membri li jagħmlu t-talba. Wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri li ma jkunux ressqu talba skont il-paragrafu 1 jistgħu jitolbu li ditti ta' investiment li jkunu f'sitwazzjoni simili għal dawk fl-Istat Membru jew Membri li jagħmlu t-talba jiżdiedu mal-att ta' implimentazzjoni. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew Membri li jagħmlu dik it-talba għandha tindika u tiddimostra għalfejn tqis li l-kundizzjonijiet għal sospensjoni jkunu ssodisfati wkoll.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Żgurar tal-allinjament mal-obbligu tal-ikklirjar u teħid inkunsiderazzjoni tax-xewqa espressa minn bosta parteċipanti fis-suq biex jiġi previst mekkaniżmu Ewropew li jiżgura li, ladarba Stat Membru jitlob sospensjoni tad-DTO, id-ditti tal-UE kollha f'sitwazzjoni simili jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-eżenzjoni. L-emenda proposta se tevita li jiġi introdott trattament mhux ugwali bejn id-ditti ta' investiment affettwati minn sospensjoni mmirata potenzjali tad-DTO, filwaqt li żżomm proċess ta' rieżami bir-reqqa mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 20**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 32a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina regolarment jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni tal-obbligu ta' negozjar ***ikunux*** għadhom japplikaw."; | 5. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina regolarment jekk ir-raġunijiet għas-sospensjoni tal-obbligu ta' negozjar ***f'derivattivi jkunux*** għadhom japplikaw."; |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 21 – punt ba (ġdid)**
Regolament (UE) 600/2014
Artikolu 35 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. L-awtorità kompetenti tas-CCP jew dik taċ-ċentru tan-negozjar għandha tagħti aċċess għal CCP lil ċentru tan-negozjar biss meta tali aċċess***:*** | "4. L-awtorità kompetenti tas-CCP jew dik taċ-ċentru tan-negozjar għandha tagħti aċċess għal CCP lil ċentru tan-negozjar biss meta tali aċċess ***ma jkunx jhedded il-funzjonament mingħajr xkiel u ordnat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità, jew ma jkunx jaffettwa r-riskju sistemiku b'mod negattiv.*** |
| ***(a) ma jirrikjedix arranġament ta' interoperabbiltà, fil-każ ta' derivati li mhumiex derivati OTC skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; jew*** | |
| ***(b) ma jheddidx il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità kif definita fl-Artikolu 2(36), jew ma jaffettwax ħażin ir-riskju sistemiku.*** | |
| ***Xejn fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu m'għandu jimpedixxi l-għoti tal-aċċess fejn it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tirrikjedi l-interoperabbiltà u ċ-ċentru tan-negozjar u s-CCPs kollha parti fl-arranġament propost ta' interoperabbiltà jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-arranġament u r-riskji li s-CCP riċeventi hija esposta għalihom li joriġinaw minn pożizzjonijiet inter-CCP jkunu kollateralizzati f'parti terza.*** | |
| ***Fejn il-ħtieġa għal arranġament ta'*** | |

| | |
|---|---|
| ***interoperabbiltà hija r-raġuni jew tkun parti tar-raġuni għal ċaħda ta' talba, iċ-ċentru tan-negozjar javża lis-CCP u jinforma lill-ESMA dwar liema CCPs oħrajn għandhom aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar, u l-ESMA tippubblika dik l-informazzjoni biex b'hekk ditti tal-investiment jistgħu jagħżlu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' dawk is-CCPs sabiex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti alternattivi għall-aċċess.*** | |
| Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, lis-CCP u liċ-ċentru tan-negozjar inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha. | Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, lis-CCP u liċ-ċentru tan-negozjar inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir ta' partijiet mill-paragrafu 4 billi l-ETDs ma jkunux għadhom koperti u d-dispożizzjonijiet imbagħad ma jibqgħux rilevanti. Deskrizzjoni wkoll ta' proċess aktar espliċitu għall-għoti ta' aċċess mill-NCAs. Attwalment, in-nuqqas ta' rifjut ta' aċċess jintuża bħala bażi għall-għoti ta' aċċess, iżda dan huwa pjuttost impliċitu u ħoloq ħafna inċertezza.*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 22 – punt ba (ġdid)**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 36 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. L-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar jew dik tas-CCP għandha tagħti aċċess lil CCP għal ċentru tan- | "4. L-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar jew dik tas-CCP għandha tagħti aċċess lil CCP għal ċentru tan- |

| | |
|---|---|
| negozjar biss meta t-tali aċċess*:* | negozjar biss meta t-tali aċċess ***ma jkunx jhedded il-funzjonament mingħajr xkiel u ordnat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità u ċ-ċentru tan-negozjar ikun stabbilixxa mekkaniżmi adegwati biex jipprevieni tali frammentazzjoni, jew ma jkunx jaffettwa r-riskju sistemiku b'mod negattiv.*** |
| ***(a) ma jirrikjedix arranġament ta' interoperabbiltà, fil-każ ta' derivati li mhumiex derivati OTC skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; jew*** | |
| ***(b) me jheddidx il-funzjonament bla intoppi u ordinat tas-swieq, b'mod partikolari minħabba l-frammentazzjoni tal-likwidità u ċ-ċentru tan-negozjar ikun qiegħed fis-seħħ mekkaniżmi adegwati biex jipprevjeni tali frammentazzjoni, jew ma jaffettwax ħażin ir-riskju sistemiku.*** | |
| ***Xejn fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu m'għandu jwaqqaf l-għoti tal-aċċess fejn it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tirrikjedi l-interoperabbiltà u ċ-ċentru tan-negozjar u s-CCPs kollha parti fl-arranġament propost ta' interoperabbiltà jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-arranġament u r-riskji li s-CCP riċeventi hija esposta għalihom li joriġinaw minn pożizzjonijiet inter-CCP jkunu kollateralizzati f'parti terza.*** | |
| ***Fejn il-ħtieġa għal arranġament ta' interoperabbiltà tkun ir-raġuni jew parti minnha għal ċaħda ta' talba, iċ-ċentru tan-negozjar javża lis-CCP u jinforma lill-ESMA dwar liema CCPs oħrajn għandhom aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar u l-ESMA tippubblika dik l-informazzjoni biex b'hekk ditti tal-investiment jistgħu jagħżlu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' dawk is-CCPs sabiex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti alternattivi għall-aċċess***. | |
| Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba | Jekk awtorità kompetenti tiċħad l-aċċess, għandha toħroġ id-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tat-talba |

| | |
|---|---|
| msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, liċ-ċentru tan-negozjar u lis-CCP inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha. | msemmija fil-paragrafu 2 u tipprovdi r-raġunijiet sħaħ lill-awtorità kompetenti l-oħra, liċ-ċentru tan-negozjar u lis-CCP inklużi l-provi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni tagħha.***";*** |

Or. en

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0600-20220101)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħall-emenda preċedenti.*

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 24**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 38g – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn l-ESMA ssib li persuna elenkata fil-punt (a) tal-Artikolu 38b(1) ma tkunx ikkonformat ma' xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 22a, fl-Artikolu 22b***, jew fit-Titolu IVa, hija għandha tieħu waħda jew aktar minn dawn l-azzjonijiet: | Fejn l-ESMA ssib li persuna elenkata fil-punt (a) tal-Artikolu 38b(1) ma tkunx ikkonformat ma' xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 20, 21, 22, 22a, 22b jew 26***, jew fit-Titolu IVa, hija għandha tieħu waħda jew aktar minn dawn l-azzjonijiet: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għat-Titolu IVa tippermetti biss is-sanzjonar ta' ksur tar-rekwiżiti organizzazzjonali tad-DRSP, u tħalli barra xi dispożizzjonijiet oħra, bħall-Artikoli 20, 21 u 22 li jistipulaw il-pubblikazzjoni tal-APA u l-obbligi ta' rappurtar. L-emenda tinkludi referenza għal kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament. Jenħtieġ li fin-negozjati jitqies li n-nuqqas ta' definizzjoni espliċita tal-ksur jista' jesponi lill-ESMA għal sfidi legali meta timponi sanzjonijiet. Għal din ir-raġuni, tista' tkun iġġustifikata l-addizzjoni ta' lista ta' tipi ta' ksur.*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 25**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 38h – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn l-ESMA, f'konformità mal-Artikolu 38k(5), issib li persuna elenkata fil-punt (a) tal-Artikolu 38b(1) ma tkunx ikkonformat intenzjonalment jew b'negliġenza ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti previsti ***fl-Artikolu 22a, fl-Artikolu 22b***, jew fit-Titolu IVa, hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. | Fejn l-ESMA, f'konformità mal-Artikolu 38k(5), issib li persuna elenkata fil-punt (a) tal-Artikolu 38b(1) ma tkunx ikkonformat intenzjonalment jew b'negliġenza ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti previsti ***fl-Artikolu 22, 22a, 22b jew 26***, jew fit-Titolu IVa, hija għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħall-emenda preċedenti.*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 26**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 39a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 39a | Artikolu 39a |
| ***Projbizzjoni fuq il-ħlas għat-trażmissjoni ta'*** ordnijiet tal-klijenti ***għall-eżekuzzjoni*** | ***Regoli dwar l-eżekuzzjoni u t-trażmissjoni ta'*** ordnijiet tal-klijenti ***individwali*** |

Or. en

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 26**

Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 39a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Id-ditti ta' investiment li jesegwixxu ordnijiet f'isem klijent individwali għandhom jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex jiksbu l-aħjar prezz possibbli għall-klijenti tagħhom, bit-tnaqqis tal-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni, li għandhom jinkludu l-ispejjeż kollha relatati mal-eżekuzzjoni tal-ordni, inklużi t-tariffi għall-eżekuzzjoni taċ-ċentru, it-tariffi tal-ikklirjar u tas-saldu, u kwalunkwe tariffa oħra mħallsa lil partijiet terzi involuti fl-eżekuzzjoni tal-ordni.*** |
| 1. Id-ditti ta' investiment li jaġixxu f'isem il-klijenti ma għandhomx jirċievu tariffa jew kummissjoni jew benefiċċju mhux monetarju minn xi parti terza sabiex jittrażmettu l-ordnijiet tal-klijenti lil ***din il-parti*** terza għall-eżekuzzjoni tagħhom.***";*** | ***1.*** Id-ditti ta' investiment li jaġixxu f'isem il-klijenti ma għandhomx jirċievu tariffa jew kummissjoni jew benefiċċju mhux monetarju minn xi parti terza sabiex jittrażmettu l-ordnijiet tal-klijenti lil ***kwalunkwe parti*** terza għall-eżekuzzjoni tagħhom. |
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 50 sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] biex tispeċifika l-prattiki tas-suq li jaqgħu taħt id-dispożizzjoni tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dak l-att delegat regolarment biex tieħu inkunsiderazzjoni l-iżvilupp ta' prattiki tas-suq ġodda.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diskussjonijiet dwar il-PFOF jirriżultaw minn interpretazzjoni diverġenti ħafna tar-regoli dwar l-aħjar eżekuzzjoni, għad-detriment tal-investituri finali, b'mod partikolari dawk individwali, u ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji fl-UE. Iċ-ċaqliq tar-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni għall-klijenti individwali għall-MiFIR u formulazzjoni ċara tagħhom, jiġifieri l-prezz bit-tnaqqis tal-ispejjeż, flimkien ma' projbizzjoni tal-PFOF, kieku jsaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri, jorjenta mill-ġdid in-negozjar fil-livell tal-investituri individwali lejn iċ-ċentri mdawla u jallinja l-Unjoni ma' ġurisdizzjonijiet prinċipali oħra li jipprojbixxu jew qed iqisu li jipprojbixxu l-PFOF.*

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 28 – punt a**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 52 – paragrafu 12

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***12. Jekk sal-[PO daħħal data sena (1) wara d-dħul fis-seħħ] ma jkunx feġġ tape konsolidat permezz tal-proċedura tal-għażla organizzata mill-ESMA kif imsemmi fl-Artikolu 27da, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-qafas u tista' takkumpanja dak ir-rieżami, fejn xieraq u wara li tkun ikkonsultat lill-ESMA, bi proposta leġiżlattiva li tistipula kif l-ESMA jenħtieġ li tipprovdi tape konsolidat.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Eliminazzjoni tal-klawsola ta' riżerva għall-ESMA. Jekk ma jfeġġ l-ebda CTP, jenħtieġ li l-COM tivvaluta r-raġunijiet għall-falliment u tindirizzahom f'leġiżlazzjoni sussegwenti. Alternattiva differenti tkun li l-ESMA ssir is-CTP għal CT inqas ambizzjuż (pereżempju, tape għall-ishma ta' 15-il minuta wara n-negozjar. Madankollu, f'dak il-każ jenħtieġ li data konsolidata tiġi pprovduta lill-parteċipanti fis-suq mingħajr ħlas, meta jitqies il-valur limitat ħafna tagħha).*

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 28 – punt b**
Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 52 – paragrafi 13 u 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jitħassar il-***paragrafu*** 14; | (b) jitħassru l-***paragrafi*** 13 u 14; |

Or. en

## NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għar-rieżami tar-Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji u tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR/D). Ir-rieżami huwa f'waqtu: L-Ewropa teħtieġ bidliet effettivi, li jinftiehmu u li jistgħu jinkisbu għall-qafas attwali biex titnaqqas il-frammentazzjoni u jiżdiedu d-daqs, il-kompetittività u l-attraenza tas-swieq tal-kapital tal-UE.

Madankollu, ir-rapporteur identifika ċerti oqsma li jistgħu jittejbu. L-emendi inklużi fir-rapport huma bbażati fuq ix-xewqa li jiġi stabbilit qafas regolatorju li jwassal għal ambjent fejn il-parteċipanti kollha fis-suq jibbenefikaw min-negozjar. L-emendi huma ggwidati minn erba' prinċipji prinċipali:

a. it-tnaqqis tal-frammentazzjoni u tal-ostakli transfruntiera;

b. l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, li jappoġġaw livell tajjeb ta' kompetizzjoni bejn iċ-ċentri u l-metodi ta' eżekuzzjoni differenti;

c. il-possibbiltà li d-ditti tal-UE jikkompetu fil-livell internazzjonali u li jkunu aktar attraenti għall-investituri tal-UE u ta' pajjiżi terzi;

d. it-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni ta' investituri individwali u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-investituri.

Huwa ċar li l-bidliet jeħtieġu kalibrazzjonijiet meqjusa sew, fl-ispirtu ta' approċċ ibbilanċjat inġenerali u għall-benefiċċju fit-tul tal-parteċipanti fis-suq tal-UE. Ir-rapporteur kien involut b'mod estensiv mal-parteċipanti fis-suq u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u elabora dak li huwa maħsub li jkun test ambizzjuż iżda bbilanċjat, li l-bidliet prinċipali tiegħu huma kklassifikati fi tliet oqsma: it-tape konsolidat (CT), l-istruttura u t-trasparenza tas-suq, it-trażmizzjoni u l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti.

**<u>Tape Konsolidat</u>**

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni qed tipprova tistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex ifeġġ CT fl-Ewropa għall-klassijiet kollha ta' assi. Ir-rapporteur jikkondividi dan l-objettiv: CT li juri l-prezzijiet f'ħin reali għall-istrumenti finanzjarji madwar l-Unjoni kollha huwa għodda fundamentali biex titnaqqas il-frammentazzjoni u titjieb l-attraenza tas-swieq tal-kapital tal-UE, u jipprovdi benefiċċji kbar lill-investituri finali.

Jenħtieġ li s-CTs differenti jiġu introdotti b'approċċ gradwali - l-ewwel il-bonds, imbagħad l-ekwitajiet/ETFs u d-derivattivi - u b'mhux aktar minn sitt xhur bejn il-bidu tal-proċess biex jinħatar is-CTP f'kull klassi ta' assi. Biex tiġi żgurata sorveljanza effettiva tat-tape mill-awtoritajiet pubbliċi tal-UE, jenħtieġ li l-ESMA tingħata biżżejjed żmien biex twettaq il-proċessi tal-għażla u awtorizzazzjoni u biex tindirizza problemi pendenti bid-data. Rigward dawn tal-aħħar, jenħtieġ li l-ESMA tqis l-istandards u l-prattiki prevalenti tal-industrija, biex timmassimizza l-valur tas-CT għall-utenti tiegħu.

L-effiċjenza tas-CT se tkun proporzjonali għall-valur li jipprovdi lill-utenti tiegħu - f'dan is-sens, huwa essenzjali li t-tape tal-ekwità jinkludi informazzjoni ta' qabel in-negozjar f'ħin reali, li hija meħtieġa biex jiġu infurmati id-deċiżjonijiet tal-investituri dwar in-negozjar. Filwaqt li l-akbar atturi fis-suq se jkomplu jfittxu aċċess għall-fluss ta' data li jużaw bħalissa, CT ta' qabel in-negozjar fl-ekwità jkun addizzjoni tajba ħafna għal atturi bħal maniġers tal-assi żgħar u ta' daqs medju, jew investituri barranin li jfittxu aċċess għas-swieq tal-UE. Jenħtieġ li s-CT ikun ukoll għodda għall-investituri individwali, u jenħtieġ li għalihom dan ikun jista' jinftiehem, faċli biex jintuża u mingħajr ħlas jew, l-iktar, jeħtieġ biss ħlas ta' ammont simboliku.

Ir-rapporteur jirrikonoxxi li l-introduzzjoni ta' CT għall-ekwitajiet jista' jkollha impatt fuq is-swieq regolati, li jiksbu sehem sinifikanti mid-dħul tagħhom mid-data tas-suq. B'hekk, l-emendi jintroduċu eżenzjoni minn kontributi obbligatorji għal swieq li jew (i) jirrappreżentaw inqas minn 1 % tal-volum medju totali ta' kuljum innegozjat fl-UE, jew (ii) ma jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-frammentazzjoni tas-swieq tal-UE billi fil-biċċa l-kbira jinnegozjaw ishma li għalihom huma wkoll iċ-ċentru ta' ammissjoni primarja.

Minkejja dan, ir-rapporteur jemmen li l-inklużjoni tas-swieq regolati kollha tal-UE fis-CT kieku jkun ta' benefiċċju għall-investituri finali, iżid l-attraenza tas-swieq tal-Unjoni, iwassal għal żieda fil-volumi tan-negozjar u fil-viżibbiltà għal swieq regolati iżgħar - f'konformità mal-objettivi tal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Għalhekk, l-emendi jinkludu possibbiltà ta' parteċipazzjoni fl-iskema ta' kontribuzzjoni obbligatorja għal dawk is-swieq irregolati li jistgħu jiġu eżentati. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li sehem ogħla mid-dħul tas-CT jiġi riallokat lilhom.

**Struttura u trasparenza tas-suq**

a. Eżenzjonijiet, DVC u regoli dwar il-kwotazzjonijiet u l-eżekuzzjoni għall-SIs

Fil-preżent, il-parteċipanti fis-suq iridu jaderixxu ma' regoli kumplessi ħafna dwar it-trasparenza, inkluża l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet, differimenti u l-mekkaniżmu ta' limitazzjoni. L-emendi jfittxu li jissimplifikaw dawn ir-regoli għall-benefiċċju tal-istruttura tas-suq tal-UE u li jżidu l-kompetittività u l-attraenza tas-swieq tal-UE kollha.

Hemm ukoll rikonoxximent tal-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza qabel in-negozjar u b'hekk jiġi rinforzat il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġi żgurat it-trawwim tal-kwalità tas-suq, tal-likwidità ġenerali fiċ-ċentri tan-negozjar tal-UE, u tal-kompetittività domestika u internazzjonali u tal-attraenza tas-swieq u d-ditti tal-UE.

Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi bbilanċjar mill-ġdid tar-regoli li jirregolaw is-swieq tal-kapital billi jiġi limitat l-użu ta' eżenzjonijiet għall-obbligi ta' trasparenza qabel in-negozjar skont l-Artikolu 4 tal-MiFIR. Is-soll biex jintużaw dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġi ddeterminat mill-ESMA, u ma jkunx ogħla mid-doppju tad-daqs standard tas-suq. Il-proposta tintroduċi aktar flessibbiltà mis-soll fiss propost mill-Kummissjoni, li jippermetti li l-ESMA tqis elementi differenti meta tiddetermina s-soll.

Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi sospiż il-mekkaniżmu li jillimita d-dark trading skont dawn l-eżenzjonijiet. Dawn il-limitazzjonijiet ġew stabbiliti b'mod arbitrarju u kienu ta' użu limitat, u l-eliminazzjoni tagħhom kieku tnaqqas il-kumplessità u tallinja lill-Unjoni mal-prattiki internazzjonali.

Qed jiġu rieżaminati wkoll ir-regoli dwar il-kwotazzjonijiet u l-eżekuzzjonijiet għall-SIs, fejn jiġi applikat l-istess soll bħal dak skont l-Artikolu 4 tal-MiFIR.

Jenħtieġ li ż-żieda fis-soll biex jintużaw l-eżenzjonijiet, il-limiti għall-kwotazzjonijiet u l-eżekuzzjoni tal-SIs, u s-sospensjoni tal-mekkaniżmu ta' limitazzjoni jiksbu l-objettiv doppju li jsaħħu n-negozjar f'ċentri mdawla filwaqt li jissimplifikaw ir-regoli, iżommu l-kompetittività tad-ditti tal-UE u l-għadd ta' għażliet ta' negozjar disponibbli għall-investituri finali. Jenħtieġ li l-ESMA timmonitorja l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq il-funzjonament tas-swieq, u tintervjeni jekk jiġi mminat il-proċess ta' formazzjoni tal-prezzijiet.

b. Differimenti tan-nonekwitajiet

Biex jiġi ssimplifikat ir-reġim attwali u tiġi żgurata t-trasparenza tal-investituri finali, ir-rapporteur jemmen li r-reġim ta' differiment għan-nonekwitajiet jenħtieġ li jiġi armonizzat fil-livell tal-Unjoni. Il-prezz u l-volum ta' tranżazzjoni mingħajr ekwità jenħtieġ li jiġu ppubblikati kemm jista' jkun qrib il-ħin reali, u jenħtieġ li l-press jiddewwem biss sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozjar. L-evidenza minn ġurisdizzjonijiet oħra tindika li differimenti iqsar huma ta' benefiċċju għall-investituri finali u - għal ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet - ma jaffettwawx b'mod negattiv il-likwidità disponibbli fis-swieq. Fl-istess ħin, b'rikonoxximent tal-ħtieġa li l-fornituri ta' likwidità ma jiġux esposti għal riskji mhux dovuti, l-emendi jippermettu l-ħabi tal-prezz u l-volum ta' tranżazzjonijiet kbar ħafna għal mhux aktar minn erba' ġimgħat. Jenħtieġ li l-kalibrazzjoni eżatta tad-diversi buckets għad-differimenti titħalla f'idejn l-ESMA, iżda jenħtieġ li l-approċċ propost jiżgura aktar trasparenza filwaqt li jirrappreżenta l-ħtiġijiet differenti tal-parteċipanti fis-suq.

c. Rekwiżiti ta' definizzjoni u rappurtar għall-SIs

Is-sistema ta' rappurtar eżistenti għad-ditti ta' investiment ħolqot inċertezza dwar min jenħtieġ li jirrapporta n-negozju, u wasslet għal rappurtar doppju. Barra minn hekk, ir-rabta bejn l-obbligu ta' rappurtar u l-istatus ta' SI wassal għal għadd kbir iżżejjed ta' SIs fl-Unjoni, li joħloq distorsjoni fl-istampa tal-parteċipanti fis-suq. Għalhekk, l-emendi jfittxu li jiddiżakkoppjaw l-istatus ta' SI u l-obbligi ta' rappurtar, billi jintroduċu l-possibbiltà li l-parteċipanti fis-suq jirreġistraw bħala "entità relatriċi nnominata" (DRE).

Jenħtieġ li l-ESMA tistabbilixxi reġistru tal-SIs u d-DREs kollha, fejn tispeċifika l-identità tagħhom u l-istrumenti jew il-klassijiet ta' strumenti li għalihom huma jkunu jew SI jew inkella DRE. Dan kieku jelimina l-inċertezza u jnaqqas il-piż regolatorju għad-ditti ta' investiment, b'mod partikolari dawk iżgħar. Ir-rapporteur jemmen li b'dan l-approċċ, id-ditti li jikkwalifikaw jew jagħżlu li jipparteċipaw bħala SIs ikunu biss dawk id-ditti li jaġixxu bħala

fornituri tal-likwidità, li jipprovdi aktar ċarezza lill-istruttura ġenerali tas-suq tal-ekwità.

*d. Sospensjoni tad-DTO*

Ir-rapporteur jikkondividi l-għan tal-Kummissjoni li tissaħħaħ il-kapaċità tal-ikklirjar tal-Unjoni billi tiġi introdotta sospensjoni mmirata tal-obbligi tan-negozjar tad-derivattivi (DTO). Il-proposta COM tindirizza l-impatt tas-suq ta' bejn in-negozjanti u l-klijenti billi tippermetti sospensjoni temporanja meta tirċievi l-kwotazzjonijiet tal-klijenti minn kontropartijiet bl-ebda sħubija attiva f'ċentru tan-negozjar tal-UE. Madankollu, din is-soluzzjoni ma tindirizzax is-suq ta' bejn in-negozjanti għas-CDS fl-Ewropa. L-emenda tintroduċi l-possibbiltà ta' sospensjonijiet ta' DTOs favur pjattaformi ta' bejn in-negozjanti li jkunu stabbilew irbit ma' CCPs stabbiliti fl-Unjoni, li jappoġġaw lill-aġenda tal-UE direttament biex tiġi appoġġata l-kompetittività tas-CCPs tal-UE u l-ikklerjar fl-UE.

**Trażmissjoni u eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-klijenti**

Ir-rapporteur jemmen li l-problemi identifikati mill-Kummissjoni rigward il-prattiki relatati mal-hekk imsejħa pagamenti għall-flussi ta' ordnijiet (PFOF) huma sintomatiċi ta' problema usa' relatata mas-sistema tal-aħjar eżekuzzjoni. B'mod partikolari, il-mod kif inhuma fformulati r-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni skont l-Artikolu 27 tal-MiFID wassal għal interpretazzjonijiet superviżorji diverġenti ħafna, li l-PFOF huma l-eżempju l-aktar evidenti tagħhom. Dan wassal għal aktar opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju transfruntier, għall-kuntrarju tal-objettivi tas-CMU.

Fid-dawl ta' dan, filwaqt li r-rapporteur iżomm il-proposta inizjali rigward il-PFOF, l-emendi jfittxu li jimplimentaw bidliet għar-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni bil-ħsieb li jiġu żgurati approċċ armonizzat għall-aħjar eżekuzzjoni, aktar trasparenza u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni madwar l-Ewropa kollha, għall-benefiċċju tal-investituri finali. Għalhekk, l-Artikolu 27 jitlob l-iżvilupp ta' RTS aktar ċara għall-investituri professjonali, filwaqt li r-rekwiżiti tal-aħjar eżekuzzjoni għall-investituri individwali jinġiebu taħt l-Artikolu 39a tal-MiFIR.

Fl-aħħar nett, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' trasparenza jkunu effettivi u jżidu l-valur għall-parteċipanti fis-suq. Jenħtieġ li miżuri li, f'isem it-trasparenza, iżidu l-piż regolatorju ffaċċjat miċ-ċentri u d-ditti ta' investiment mingħajr ma jipprovdu valur lill-investituri jiġu eliminati - kif inhu l-każ tal-hekk imsejħa rapporti RTS 27 u 28 skont l-Artikolu 27(3) u (6) tal-MiFID.